IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.3.2021
SWD(2021) 70 final

# DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## Gwida AĠĠORNATA dwar l-Għajnuna mill-Istat fl-Istrumenti Finanzjarji tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (SIE) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2021

MT MT

**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ**

*Dan huwa dokument ta' ħidma tal-persunal imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi applikabbli tal-UE, dan jipprovdi gwida teknika għall-kollegi u għall-korpi involuti fil-monitoraġġ, fil-kontroll jew fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej dwar kif għandhom jiġu applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm u titħeġġeġ/jitħeġġu l-prattika/i tajba/tajbin. Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

# Werrej


1. Sfond ..... 4

2. L-għajnuna mill-Istat fuq livelli differenti tal-istrumenti finanzjarji ..... 5

3. Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji ..... 6

3.1. Ir-"riżorsi tal-Istat" u l-"imputabbiltà" ..... 6

3.1.1. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ..... 7

3.1.2. Fondi oħra tal-UE u Fondi SIE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell tal-Unjoni 8

3.1.3. Il-kontribuzzjoni mill-Fondi SIE għall-fondi tal-UE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell tal-Unjoni ..... 9

3.1.4. Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI ..... 9

3.1.5. Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI koperti minn garanzija tal-FEIS (Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi) ..... 10

3.1.6. Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni meħtieġa tal-għajnuna mill-Istat tal-kriterju "Riżorsi tal-Istat" skont it-tipi ta' riżorsi ..... 11

3.2. L-"impriżi" involuti fi strumenti finanzjarji ..... 12

3.3. Il-vantaġġ ..... 12

3.4. It-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri/l-għajnuna *de minimis* ..... 15

4. L-eżenzjonijiet ta' notifika ..... 16

5. L-istrumenti prekostitwita ..... 17

6. Każijiet meta huma meħtieġa notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat ..... 18

ANNESS ..... 19

Tabella ta' Abbrevjazzjonijiet ..... 41

Tabella tal-Leġiżlazzjoni ..... 44

# 1. Sfond

Il-valutazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u fejn applikabbli l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, hija tal-akbar importanza biex jiġi ppreservat suq intern li jiffunzjona. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tħeġġeġ l-effiċjenza ekonomika u tevita appoġġ pubbliku li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni b'mod mhux xieraq, li tkun ta' detriment għall-Unjoni kollha kemm hi. L-għajnuna mill-Istat hija strument essenzjali biex jinħolqu u jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meta l-Istati Membri jagħtu għajnuna permezz ta' strumenti finanzjarji (ko)finanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

L-importanza tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-istrumenti finanzjarji hija mfakkra f'diversi dispożizzjonijiet fit-Titolu IV tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ("RDK")[1], b'mod partikolari fl-Artikoli 6, 37, 38, 42 u 44 tiegħu. Minħabba dawn ir-raġunijiet li ġejjin hija meħtieġa attenzjoni speċjali fuq il-kwistjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat:

- Il-qafas legali tal-għajnuna mill-Istat nbidel b'mod konsiderevoli fl-2013/2014, billi offra possibbiltajiet addizzjonali sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat.
- L-għajnuna mill-Istat tista' teżisti fuq livelli differenti ta' strumenti finanzjarji, li jinkludu l-intermedjarji finanzjarji, il-maniġers ta' fondi u l-koinvestituri. Jista' jkun li mhux il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jkunu konxji mill-preżenza potenzjali tal-għajnuna mill-Istat fuq livelli differenti u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mal-għajnuna mill-Istat għalihom kollha.
- Il-maniġers ta' fondi u l-investituri (l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-banek kummerċjali) spiss ma jkunux partikolarment familjari mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
- Ir-RDK jippermetti l-użu tal-istrumenti finanzjarji għall-objettivi tematiċi kollha. F'ċerti oqsma settorjali, il-Kummissjoni toffri l-hekk imsejħa strumenti finanzjarji "standard" li għalihom il-perkors għall-konformità mal-għajnuna mill-Istat diġà ġie vverifikat.

**L-għan** ta' dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("SWD") huwa li jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji u li juri l-possibbiltajiet differenti għall-kisba tal-konformità mal-għajnuna mill-Istat.

Il-Kummissjoni Ewropea adottat **Qafas Temporanju**[2] li jippermetti lill-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà sħiħa prevista skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex isostnu l-ekonomija fil-kuntest tat-**tifqigħa tal-COVID-19**. Il-Qafas Temporanju se jibqa' fis-

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2020 - Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1), kif emendata fit-3 ta' April, fit-8 ta' Mejju, fid-29 ta' Ġunju u fit-13 ta' Ottubru 2020, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/competition/state_aid/what_is_new/covid_19.html.

seħħ sa tmiem Diċembru 2020. Qabel dik id-data, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk hemmx bżonn li jiġi estiż.

Il-Qafas Temporanju jikkomplementa l-bosta possibbiltajiet tal-Istati Membri li jfasslu l-miżuri f'konformità mar-regoli eżistenti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat deskritti f'dan l-SWD. Għall-iSF li jinvolvu l-għajnuna mill-Istat, il-Qafas Temporanju huwa possibbiltà temporanja addizzjonali biex l-għajnuna ssir kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-miżuri ta' għajnuna temporanji koperti mill-Qafas Temporanju jistgħu jiġu akkumulati mal-għajnuna skont ir-Regolamenti *de minimis* jew mal-għajnuna skont ir-Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' Kategorija diment li d-dispożizzjonijiet u r-regoli ta' akkumulazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti jiġu rrispettati.

## 2. L-għajnuna mill-Istat fuq livelli differenti tal-istrumenti finanzjarji

L-istrumenti finanzjarji ta' spiss jinvolvu strutturi ta' diversi livelli bl-għan li joħolqu inċentivi għall-operaturi ekonomiċi (**investituri**), sabiex jipprovdu finanzjament lir-**riċevituri finali**. Dan jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-investituri u/jew lir-riċevituri finali u jrid ikun konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-istrumenti finanzjarji jistgħu jinvolvu **korp** wieħed jew aktar **li jimplimentaw strument finanzjarju** (eż. intermedjarji finanzjarji), li jistgħu jkunu wkoll riċevituri ta' għajnuna mill-Istat u jaqgħu taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Skont it-tfassil tal-istrument finanzjarju, l-appoġġ finanzjarju jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-impriżi f'kull wieħed mit-tliet livelli msemmijin, anki jekk l-intenzjoni tal-awtorità ta' Stat Membru (*inter alia* Awtorità ta' Ġestjoni taħt ir-RDK) hija li tipprovdi benefiċċji lir-riċevituri finali biss. Il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat trid tiġi żgurata għal-livelli kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju.



Dwar il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat (NOA)[3] jipprovdi gwida dettaljata, li hija rilevanti wkoll għall-istrumenti finanzjarji. Dan jinkludi wkoll aktar spjegazzjonijiet u eżempji ġenerali.

# 3. Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji

L-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE")[4], jiddefinixxi l-għajnuna mill-Istat bħala kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma tkun xi tkun li tfixkel jew li thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti b'tali mod li tħalli effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri[5].

Abbażi tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin (spjegati f'aktar dettall fis-subtaqsimiet 3.1 - 3.4)[6]:

- L-appoġġ jiġi mir-"riżorsi tal-Istat" u huwa "imputabbi" għall-Istat.
- Ir-riċevitur huwa "impriża".
- L-appoġġ "jiffavorixxi" impriża, jiġifieri: jagħti "vantaġġ".
- L-appoġġ "ifixkel il-kompetizzjoni" u "jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri".

Il-kriterji għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Kollha kemm huma jridu jiġu ssodisfati biex l-appoġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Għalhekk, jekk xi wieħed mill-kriterji ma jiġix issodisfat, l-appoġġ pubbliku ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Dak it-test irid jitwettaq f'kull wieħed mit-tliet livelli msemmija hawn fuq.

## 3.1. Ir-"riżorsi tal-Istat" u l-"imputabbiltà"[7]

L-appoġġ mogħti direttament jew indirettament permezz tar-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà ta' dan l-appoġġ għall-Istat huma l-kundizzjonijiet għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Ħafna drabi dawn jiġu kkunsidrati flimkien meta tiġi vvalutata miżura skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, minħabba li t-tnejn huma relatati mal-oriġini pubblika tal-għajnuna inkwistjoni.

Ir-riżorsi pubbliċi nazzjonali tal-Istati Membri huma riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Riżorsi li jiġu mill-baġit tal-Unjoni huma kkunsidrati wkoll bħala "riżorsi tal-Istat" (u imputabbli għall-Istat) jekk l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu ta' dawk ir-riżorsi.

---

3 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1), ara b'mod partikolari l-punt 60.

4 Il-verżjonijiet ikkonsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 1).

5 Għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) japplikaw regoli speċjali dwar l-għajnuna mill-Istat - ara l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 149, 25.5.2014, p. 1) (ir-Regolament FEMS) u l-Artikolu 81(2) tar-Regolament (UE) 1305/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487) (ir-Regolament FAEŻR).

6 L-Artikolu 107(1) tat-TFUE għandu rekwiżiti addizzjonali, bħal dak tas-"selettività" tal-miżura ta' appoġġ. Il-kriterji l-oħrajn tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE għall-istrumenti finanzjarji appoġġati mill-Fondi SIE huma tipikament issodisfati u għalhekk mhumiex ittrattati f'din in-nota ta' gwida.

7 Għal aktar gwida dwar l-oriġini mill-Istat, ara t-Taqsima 3 tal-NOA.

B'kuntrast, jekk ir-riżorsi tal-Unjoni jiġu ġestiti direttament jew indirettament mill-Unjoni (jew mill-istituzzjonijiet internazzjonali) mingħajr ebda diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, dawn ma jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat u mhumiex imputabbli għall-Istat.

### 3.1.1. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Il-parti l-kbira tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (il-"Fondi SIE") rilevanti għall-politika ta' koeżjoni jintnefqu b'ġestjoni kondiviża[8]. Fil-ġestjoni kondiviża l-Istati Membri tipikament[9] ikollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu tal-finanzjament u jistgħu jiddeċiedu fuq min jingħata l-appoġġ. Minħabba dik id-diskrezzjoni, il-Fondi SIE u l-(ko)finanzjament pubbliku nazzjonali huma kkunsidrati bħala "riżorsi tal-Istat" u huma imputabbli għall-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Dan huwa l-każ anki meta l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu strumenti finanzjarji lill-Grupp tal-BEI jew lil entità oħra biex jimplimentawhom abbażi ta' ftehimiet kuntrattwali.

Għalhekk, meta l-Fondi SIE u l-(ko)finanzjament pubbliku nazzjonali jintnefqu fil-modalità tal-ġestjoni kondiviża, u meta l-Istati Membri kontribwenti jkollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu ta' dawk ir-riżorsi, dawn ikunu "riżorsi tal-Istat" li huma imputabbli għall-Istat għall-finijiet tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan ifisser ukoll li l-istrumenti finanzjarji ġestiti mill-awtorità ta' ġestjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha (l-Artikolu 38(1)(b) tar-RDK) huma soġġetti għar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

**Eżempju:**

Awtorità ta' ġestjoni tuża r-riżorsi tal-FEŻR[10] biex toħloq fond li jippromwovi l-SMEs ġodda. Ir-riżorsi tal-FEŻR huma taħt ġestjoni kondiviża.

Ir-riżorsi tal-FEŻR f'ġestjoni kondiviża jikkwalifikaw bħala "riżorsi tal-Istat". Diment li l-elementi l-oħra kollha tal-kunċett ta' għajnuna tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jiġu ssodisfati, l-operazzjoni trid tikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-konformità trid tiġi vverifikata fil-livell ta' ġestjoni tal-fond, fil-livell tal-investituri u fil-livell tar-riċevituri finali.

Fil-każ tal-istrumenti finanzjarji implimentati taħt ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 (FAEŻR), japplikaw regoli speċifiċi għal **attivitajiet agrikoli primarji** f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna mill-Istat. Bis-saħħa tal-Artikolu 81(2) tal-FAEŻR, l-attivitajiet agrikoli primarji (prodotti tal-Anness I) huma eżentati mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, f'konformità mal-Artikolu 42 TFUE. Min-naħa l-oħra, l-attivitajiet mhux inklużi fl-Anness appoġġati mill-istrumenti finanzjarji finanzjati mill-FAEŻR iridu jikkonformaw mar-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat.

---

8 L-Artikolu 63 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.) (l-"Omnibus" jew ir-"Regolament Finanzjarju").

9 Għad-derogi, ara l-punt 3.1.3 hawn taħt.

10 Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Fil-każ tal-attivitajiet agrikoli appoġġati minn strumenti finanzjarji li mhumiex iffinanzjati mill-FAEŻR, ħlief jekk ma jkunx previst mod ieħor x'imkien ieħor, japplikaw ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Fil-każ tas-**sajd u l-akkwakultura**, l-esklużjoni mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ta' ċertu finanzjament relatat mas-sajd mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) ġejja mill-Artikolu 42 tat-TFUE u mill-Artikolu 8 tal-FEMS. Skont l-Artikolu 8 tal-FEMS, il-pagamenti li jsiru mill-Istati Membri bħala parti mill-finanzjament kofinanzjat taħt il-FEMS f'konformità mar-Regolament dwar il-FEMS (UE) Nru 508/2014, mhumiex, fil-prinċipju kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat.

### 3.1.2. Fondi oħra tal-UE u Fondi SIE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell tal-Unjoni[11]

Fir-rigward ta' finanzjament tal-Unjoni li jiġi implimentat direttament mill-Kummissjoni jew indirettament minn kwalunkwe entità fdata, inkluż mill-Grupp tal-BEI (kemm il-BEI kif ukoll il-FEI), taħt mandat mill-Kummissjoni (jew istituzzjoni oħra tal-Unjoni jew entità oħra tal-Unjoni), u meta għalhekk l-awtoritajiet nazzjonali ma jiddeċidux dwar l-użu tar-riżorsi, dan il-finanzjament tal-Unjoni ma jikkwalifikax bħala riżorsi tal-Istat. Dan mhuwiex imputabbli għall-Istat u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li r-Regolament Finanzjarju jipprovdi li l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni jridu "ma jfixklux il-kompetizzjoni fis-suq intern u jkunu konsistenti mar-regoli tal-għajnuna tal-Istat"[12]. Il-qafas legali li jirregola l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-ftehimiet mal-entitajiet fdati, tfassal biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat. L-istrumenti finanzjarji differenti jridu jkunu mfasslin b'mod li jkunu konsistenti mal-għajnuna mill-Istat.

**Eżempju:**

Fuq talba tal-Kummissjoni, il-BEI joħloq fond b'riżorsi minn Orizzont 2020[13]. Ir-riżorsi minn Orizzont 2020 huma riżorsi tal-Unjoni u l-BEI se jiġġestixxi dan il-fond fl-hekk imsejħa modalità ta' ġestjoni indiretta.

Ir-riżorsi ta' Orizzont 2020 mhumiex "riżorsi tal-Istat". Għalhekk, fond iffinanzjat biss minn dawk ir-riżorsi ma jikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat. Madankollu, ir-Regolament Finanzjarju (u l-premessa 42 tar-Regolament dwar Orizzont 2020) jirrikjedi li tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Ir-regoli stipulati mill-Kummissjoni għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-fond għalhekk iridu jkunu konsistenti mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Għal Orizzont 2020, ir-regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-ftehim ta' delega u d-dokumenti dwar il-kundizzjonijiet, huma mfassla b'tali mod li jinkiseb l-għan ta' konsistenza għall-għajnuna mill-Istat. Il-proposti għall-istabbiliment ta' fond ta' Orizzont 2020 jiġu vverifikati wkoll għall-konformità mar-regoli ta' Orizzont 2020.

---

[11] L-Artikolu 4(7) tar-RDK isemmi l-fondi tal-Unjoni li ma jkunux f'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri.

[12] L-Artikolu 209(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

[13] Orizzont 2020 huwa bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104) (ir-"Regolament dwar Orizzont 2020").

Jekk il-fond li ġie stabbilit mir-riżorsi ta' Orizzont 2020 huwa ffinanzjat ukoll minn riżorsi pubbliċi oħrajn (finanzjament pubbliku nazzjonali jew riżorsi tal-Fondi SIE), dik il-parti tal-finanzjament tista' tikkwalifika bħala "riżorsi tal-Istat" li huma imputabbli għall-Istat biss jekk l-Istati Membri kontribwenti jkollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu ta' dawk ir-riżorsi. Għal dawk il-partijiet tal-finanzjament, huma meħtieġa verifiki addizzjonali dwar l-għajnuna mill-Istat, jekk il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE ikunu ssodisfati wkoll.

### 3.1.3. Il-kontribuzzjoni mill-Fondi SIE għall-fondi tal-UE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell tal-Unjoni

Skont l-Artikolu 38(1)(a) tar-RDK, l-Istati Memebri jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet għall-programm tal-Fondi SIE għal strumenti finanzjarji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni (ġestjoni diretta jew indiretta tal-Unjoni). Dawn il-kontribuzzjonijiet ma jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat, u l-użu riżultanti tagħhom ma jkunx imputabbli għall-Istat, jekk l-Istat Membru kontribwenti ma jagħmel l-ebda kundizzjoni dwar l-użu ta' dawn il-Fondi SIE, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni li l-kontribuzzjonijiet tal-Fondi SIE jenħtieġ li jiġu investiti fit-territorju tal-Istat Membru kontribwenti, speċifikat fil-Programm(i) Operazzjonali. Din il-kundizzjoni mhux se tagħmel ir-riżorsi imputabbli għall-Istat Membru minħabba li l-Fondi SIE jiġu allokati lill-Istati Membri f'konformità mar-regoli tal-Unjoni li jkunu diġà ddeterminaw f'liema territorju ta' Stat Membru jenħtieġ li jiġu investiti dawk il-fondi[14].

Diment li l-kontribuzzjonijiet mill-Fondi SIE jissoddisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, dawn ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għalhekk, dawn il-kontribuzzjonijiet ma jeħtiġux li jkunu konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Minflok, meta jiġi kkunsidrat li l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-UE jridu jkunu konsistenti mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif spjegat fil-punt 3.1.2, dan ifisser li, kemm għar-riżorsi tal-Unjoni kif ukoll għall-Fondi SIE miżjuda magħhom, il-konsistenza tal-għajnuna mill-Istat hija żgurata mill-Kummissjoni meta tfassal l-istrument.

### 3.1.4. Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI

Meta l-Grupp tal-BEI (kemm il-BEI kif ukoll il-FEI) jinvesti r-riżorsi proprji bir-riskju proprju, dawn jiġu kkunsidrati li huma finanzjament ta' natura privata skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Dan jimplika wkoll li r-riżorsi proprji tal-BEI/FEI, investiti bir-riskju proprju *totali* għall-BEI/FEI, ma jitqisux għall-kalkolu tal-livell limitu *de minimis*, għal-livelli limiti ta' notifika, jew għall-kalkolu tal-intensitajiet tal-għajnuna.

[14] L-Artikolu 70 tar-RDK jirrikjedi li l-Istati Membri jappoġġaw l-operazzjonijiet f'qasam speċifiku tal-programm. Id-diżaggregazzjoni tal-fondi li jsiru disponibbli mill-Istat Membru tiġi ddeterminata skont metodoloġija li tinsab fl-Anness VII tar-RDK u stabbilità fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2014/190/UE): Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2014 li tistabbilixxi t-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni fil-qafas tal-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, it-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli u l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fondi Strutturali ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għall-għajnuna maħsuba għall-persuni l-aktar fil-bżonn, għall-perjodu 2014-2020 [notifikata bid-dokument C(2014) 2082] (ĠU L 104, 8.4.2014).

Jekk, madankollu, l-Istati Membri jipprovdu garanziji jew kwalunkwe appoġġ ieħor lill-Grupp tal-BEI, il-Grupp tal-BEI ma jkunx qed jinvesti bir-riskju proprju *totali*. Għalhekk, f'dawk iċ-ċirkostanzi, l-investimenti tal-Grupp tal-BEI ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma ta' natura privata għall-fini tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, peress li garanzija bħal din tinvolvi r-riżorsi tal-Istat u hija imputabbli għall-Istat, din trid tkun konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

**Eżempju**:

Xenarju a) Il-BEI joħloq fond mir-riżorsi proprji mingħajr ebda appoġġ (eż. garanziji) mir-riżorsi tal-Istati Membri jew tal-Unjoni. Ir-riżorsi tal-BEI huma kkunsidrati bħala riżorsi privati. Għalhekk, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma japplikawx.

Xenarju b) Il-BEI jirċievi appoġġ pubbliku nazzjonali u/jew appoġġ mill-Fondi SIE, pereżempju garanzija biex tkopri r-riskju (jew parti minnu) tal-BEI fuq self iġġenerat reċentement. F'dan il-każ, l-investiment tal-BEI ma jiġix ikkunsidrat bħala "privat" għall-fini tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Jekk il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat jiġu ssodisfati wkoll, il-garanzija pubblika trid tkun konformi mal-għajnuna mill-Istat (din tkun iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u tkun imputabbli għall-Istat).

### 3.1.5. Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI koperti minn garanzija tal-FEIS (Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi)[15]

Il-garanzija baġitarja pprovduta mill-UE skont ir-Regolament FEIS u l-operazzjoni finanzjarja jew ta' investiment iggarantita tal-BEI ma jikkwalifikawx bħala "riżorsi tal-Istat" u għalhekk mhumiex għajnuna mill-Istat. Għalhekk, ma huwa meħtieġ l-ebda kontroll għall-għajnuna mill-Istat sabiex jintużaw ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI koperti minn garanzija tal-FEIS. Il-proġetti jew il-pjattaformi ta' investiment appoġġati mill-FEIS jistgħu jiġu kkombinati ma' appoġġ finanzjarju (kofinanzjament) mill-Fondi SIE jew ma' riżorsi pubbliċi nazzjonali. F'dawn il-każijiet, il-finanzjament li huwa addizzjonali għall-FEIS ikun soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif spjegat fit-taqsima 3.1.1.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-hekk imsejjaħ Regolament Omnibus[16], fit-2 ta' Awwissu 2018, l-Artikolu 39a tar-RDK jippermetti lil Awtorità ta' Ġestjoni tikkontribwixxi riżorsi tal-Fondi SIE għal strument finanzjarju li jikkombina kontribuzzjoni bħal din ma' prodotti finanzjarji tal-BEI taħt il-FEIS bħala għażla ġdida ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 38(1)(c) tar-RDK. L-Artikolu 39a(6) tar-RDK itenni li l-konformità mal-liġi applikabbli, inkluż il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, trid tiġi żgurata għal kwalunkwe kontribuzzjoni tal-programm tal-FSIE, kif spjegat f'din il-gwida u fin-nota ta' gwida dwar il-kombinazzjoni tal-Fondi SIE/FEIS, li tinkludi gwida dwar l-għajnuna mill-Istat[17].

---

15 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 - il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

16 Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

17 https://www.fi-compass.eu/publication/ec-regulatory-guidance/new-guidelines-combining-european-structural-and-investment-funds

**Eżempju:**

Il-BEI joħloq fond bir-riżorsi proprji, li huma appoġġati minn garanzija tal-FEIS.

L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-fond ma jinvolvux "riżorsi tal-Istat" u għalhekk mhumiex soġġetti għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

Madankollu, jekk il-fond jirċievi aktar riżorsi mill-Fondi SIE jew minn riżorsi pubbliċi nazzjonali, l-appoġġ għal dik il-parti jikkwalifika bħala "riżorsi tal-Istat". Jekk il-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-kunċett ta' għajnuna jkunu ssodisfati wkoll, ikun jeħtieġ li jikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Jenħtieġ li jiġi nnotat li r-riżorsi tal-Grupp tal-BEI appoġġati minn garanzija tal-FEIS ma jiġux investiti bir-riskju proprju totali tal-BEI. Għalhekk, f'dak il-każ, investiment tal-Grupp tal-BEI ma jistax jiġi kkunsidrat bħala investiment privat fis-sens ta' "kontribuzzjoni proprja" mill-Grupp tal-BEI li tkun ħielsa minn kwalunkwe appoġġ pubbliku jew kontribuzzjoni ta' investitur privat, kif meħtieġ skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

### 3.1.6. Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni meħtieġa tal-għajnuna mill-Istat tal-kriterju "Riżorsi tal-Istat" skont it-tipi ta' riżorsi

| Tipi ta' riżorsi | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Riżorsi tal-Fondi SIE (f'ġestjoni kondiviża) | Riżorsi pubbliċi nazzjonali | Fondi tal-Unjoni ġestiti b'mod dirett/indirett<br><br>(eż. Orizzont 2020, COSME[18] jew il-Fondi SIE ġestiti b'mod dirett/indirett, jew il-Fondi SIE ttrasferiti bla kundizzjoni, ara l-punt 3.1.3) | Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI<br><br>(mingħajr l-ebda kopertura għar-riskju jew appoġġ ieħor mill-Unjoni jew mir-riżorsi pubbliċi nazzjonali) | Riżorsi proprji tal-grupp tal-BEI koperti minn garanzija tal-FEIS |
| Riżorsi tal-Istat: iva<br><br>Meħtieġa l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat[19] | Riżorsi tal-Istat: iva<br><br>Meħtieġa l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat | Riżorsi tal-Istat: le<br><br>Il-konsistenza mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-livell tal-istrument tiġi żgurata mill-Kummissjoni | Riżorsi tal-Istat: le<br><br>L-ebda rekwiżit dwar l-għajnuna mill-Istat | Riżorsi tal-Istat: le<br><br>L-ebda rekwiżit dwar l-għajnuna mill-Istat (ara wkoll il-punt 3.1.5) |

18 Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

19 Japplikaw regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat għall-FAEŻR u għall-FEMS.

Jekk jiġu kkombinati tipi ta' riżorsi differenti
l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat trid tiġi vverifikata separatament għal kull parti

## 3.2. L-"impriżi" involuti fi strumenti finanzjarji[20]

Il-kunċett ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jirrikjedi li jingħata appoġġ lil "impriża". Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddefiniet lill-"impriżi" bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif jiġu ffinanzjati[21]. "Attività ekonomika" hija attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u servizzi f'suq[22].

Id-definizzjoni ta' "impriża" timplika li:

- l-istatus tal-entità mhuwiex deċiżiv (pereżempju, entità li hija parti mill-amministrazzjoni pubblika tista' tkun impriża),
- huwa irrelevanti jekk l-entità ġietx stabbilita biex tiġġenera profitti (entità mingħajr skop ta' qligħ tista' toffri oġġetti u servizzi f'suq ukoll),
- il-klassifikazzjoni ta' kwalunkwe entità bħala impriża dejjem tkun relattiva għal attività speċifika (entità jista' jkollha kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi), f'liema każ tkun soġġetta għar-regoli fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha).

Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat trid tiġi vverifikata għall-atturi kollha involuti fl-istrumenti finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi vverifikat għall-atturi kollha jekk jikkwalifikawx bħala "impriża", sakemm il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi eskluża abbażi ta' rekwiżiti oħra tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Il-maniġers ta' fondi u l-investituri involuti fi strument finanzjarju normalment jikkwalifikaw bħala "impriżi" minħabba li dawn iwettqu attività ekonomika[23]. Għar-riċevituri finali, is-sitwazzjoni tista' tkun differenti, b'mod partikolari meta r-riċevituri jkunu individwi li mhumiex involuti f'attività ekonomika jew li huma involuti f'attivitajiet li min-natura tagħhom mhumiex ikkunsidrati bħala ekonomiċi.

## 3.3. Il-vantaġġ[24]

Rekwiżit kumulattiv ieħor għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat huwa li l-miżura tagħti vantaġġ. Vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma kinitx tikseb bil-kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat[25]. Għalhekk, vantaġġ (u għalhekk l-għajnuna mill-Istat) jista' jiġi eskluż jekk it-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi

[20] Għal aktar gwida dwar il-kunċett ta' impriża, ara t-Taqsima 2 tal-NOA.
[21] Il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECR I-6451, il-punt 74.
[22] Il-Kawża 118/85, ECR 2599, il-punt 7.
[23] Sal-punt li maniġer ta' fond ikun qed jiġġestixxi biss u mhux jikkoinvesti, dan il-maniġer ta' fond jista' jikkwalifika bħala sempliċiment "intermedjarju" u għalhekk ma jkunx jaqa' taħt il-kunċett ta' "impriża" skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Ara l-Kawża SA.37824: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/254119/254119_1608806_109_2.pdf; Ara wkoll id-deċiżjoni fil-Kawża SA.36904, il-paragrafu 71(b): http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/256075/256075_1711610_153_2.pdf
[24] Għal aktar gwida dwar il-kunċett ta' vantaġġ, ara t-Taqsima 4 tal-NOA.
[25] Il-Kawża C-39/94 ECR I-3547, il-punt 60.

jkunu konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq. F'każ bħal dan, l-awtorità pubblika hija kkunsidrata li taġixxi bħala "operatur tal-ekonomija tas-suq" komparabbli.

L-elementi li ġejjin huma partikolarment rilevanti meta jiġi applikat it-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq (MEO) għall-istrumenti finanzjarji:

a) **Għall-(ko)investituri** ma hemm ebda vantaġġ (u għalhekk ma hemmx għajnuna mill-Istat) jekk l-investiment isir *pari passu* bejn l-investituri pubbliċi u privati jew jekk l-investiment pubbliku jkun konformi mat-termini tas-suq kif stabbiliti abbażi ta' valutazzjoni komparattiva jew ta' metodi oħra ta' valutazzjoni.

   Investiment jiġi kkunsidrat bħala *pari passu*[26] meta:

   - dan isir bl-istess termini u kundizzjonijiet mill-investituri pubbliċi u privati (l-investituri pubbliċi u privati għandom l-istess riskji u benefiċċji u għandhom l-istess livell ta' subordinazzjoni fl-istess klassi ta' riskju f'każ ta' struttura ta' finanzjament stratifikata), u
   - iż-żewġ kategoriji ta' operaturi jintervjenu simultanjament (l-investiment ta' investitur privat u pubbliku jsir permezz tal-istess tranżazzjoni ta' investiment), u
   - l-intervent tal-investitur privat ikun ta' sinifikat ekonomiku reali (l-RFG[27] stabbiliet il-minimu għal 30 %).

   Abbażi tal-punt 35 tal-RFG, diment li l-kundizzjonijiet tal-investiment (fil-livell kemm tal-investituri kif ukoll tal-intermedjarju finanzjarju) ikunu konformi mat-test tal-MEO, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal verifika ulterjuri dwar jekk hemmx għajnuna fil-livell tar-riċevitur finali.

   Meta l-istrumenti finanzjarji jippermettu lill-koinvestituri privati jagħmlu investimenti finanzjarji f'kumpanija jew fi grupp ta' kumpaniji b'termini differenti (li jkunu iktar favorevoli) mill-investituri pubbliċi li jinvestu fl-istess kumpanija, dawk l-investituri privati jistgħu jirċievu vantaġġ bis-saħħa ta' dan it-trattament differenzjat. Vantaġġ bħal dan jista' jieħu l-forma ta' redditi preferenzjali (inċentiv pożittiv) jew ta' skopertura mnaqqsa għal telf f'każ li tranżazzjoni sottostanti trendi inqas meta mqabbla ma'dik tal-investituri pubbliċi (protezzjoni mit-telf). Il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna lill-investituri trid tiġi żgurata, jew abbażi tas-sodisfar tal-kundizzjonijiet tal-Artikoli 16, 21, 39 tal-GBER jew abbażi ta' notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni. Ta' min jinnota li fi strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-FSIE, huwa permess trattament differenzjat bejn il-koinvestiment iffinanzjat mill-FEIS skont l-Artikolu 43a tar-RDK. Madankollu, it-trattament differenzjat ta' investituri li joperaw skont il-prinċipju tal-ekonomija tas-suq għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

   F'xi każijiet (eż. għall-garanziji jew fin-nuqqas ta' investituri privati) il-kundizzjonijiet tas-suq ma jistgħux jiġu stabbiliti direttament permezz tat-test *pari passu*. Dan madankollu ma jfissirx neċessarjament li t-tranżazzjoni pubblika mhijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. F'dawn il-każijiet, il-konformità mat-termini tas-suq xorta tista' tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' parametri referenzjarji jew metodi oħrajn ta' valutazzjoni (eż. sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-profitt nett (NPV) ta' investiment f'livell li kien ikun aċċettabbli għal operatur privat f'ekonomija tas-

[26] Għal aktar gwida dwar it-tranżazzjonijiet *pari passu* ara t-Taqsima 4.2.3.1(i) tal-NOA.

[27] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament (ĠU C 19, 22.1.2014, p. 4).

suq). Meta tranżazzjoni tinstab li hija konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, ma tkunx għajnuna mill-Istat[28].

b) **Il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji (jiġifieri l-intermedjarji finanzjarji, il-fondi ta' fondi**/maniġers ta' fondi) jistgħu jkunu wkoll riċevituri ta' għajnuna mill-Istat jekk ir-remunerazzjoni għas-servizzi jew għar-rimborżi biex jiġi implimentat l-istrument finanzjarju taqbeż ir-rati tas-suq.

Hemm modi differenti kif jiġi stabbilit jekk ir-remunerazzjoni għall-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji/għall-maniġers ta' fondi hijiex konformi mar-rati tas-suq. Pereżempju jekk maniġer ta' fond jintgħażel permezz ta' proċedura tal-għażla kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u mhux kondizzjonali, ir-remunerazzjoni tiegħu tista' tiġi kkunsidrata li hija konformi mar-rati tas-suq. Dan huwa rekwiżit għall-istrumenti finanzjarji kollha li huma soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat[29].

Ir-Regolament Omnibus iċċara meta l-Istati Membri li jappoġġaw strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jagħtu l-kuntratti ta' servizz għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji direttament lil bank pubbliku jew lil istituzzjoni pubblika.

Il-formulazzjoni tal-Artikolu 38(4)(b)(iii) tar-RDK hija abbozzata b'tali mod li teskludi l-possibbiltà li Stat Membru jagħti lil tali bank jew istituzzjoni vantaġġ mhux dovut fuq il-kompetituri jew jippermetti distorsjoni tas-suq.

Jekk ma jkunx hemm proċedura tal-għażla kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u mhux kundizzjonali, il-konformità mas-suq tar-remunerazzjonijiet/rimborżi tista' tintwera permezz ta' mezzi oħra.

Għal remunerazzjonijiet/rimborżi li huma konformi mar-regoli tar-RDK, l-istrumenti standard, deskritti fit-Taqsima 5, jiżguraw li r-remunerazzjoni ma qajmitx tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat[30].

Għal remunerazzjonijiet/rimborsi li mhumiex konformi mar-regoli tar-RDK, jiġifieri li jaqgħu barra mill-ambitu tal-istrumenti standard, il-konformità mas-suq jenħtieġ li tiġi vvalutata b'mod individwali għal kull każ.

c) **Fil-livell tar-riċevituri finali:**

Meta self jew garanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza[31] jew fit-taqsima 3 tal-Avviż dwar il-garanziji[32], din tiġi kkunsidrata li hija konformi mas-suq u għalhekk ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat lir-riċevituri finali. Barra minn hekk, għal tipi oħra ta' appoġġ jista' jkun possibbli li jintwera li huma konformi mas-suq[33].

Madankollu, l-għan kumplessiv ta' strument finanzjarju ffinanzjat mill-Politika ta' Koeżjoni huwa li jwieġeb għall-fallimenti tas-suq. Għalhekk, huwa fin-natura ta' dan l-istrument li jista' jkun jeżisti vantaġġ fil-livell tar-riċevituri finali, li ma setax jinkiseb fis-suq.

[28] Għal aktar gwida dwar l-applikazzjoni tat-test tal-ekonomija tas-suq, ara t-Taqsima 4.2.3.2.
[29] Għal aktar gwida, ara t-Taqsima 4.2.3.1(ii) tal-NOA.
[30] Din id-dikjarazzjoni tapplika għall-perjodu ta' programmazzjoni għall-2014-2020.
[31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).
[32] It-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10), kif emendat mir-Rettifika tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 244, 25.9.2008, p. 32).
[33] Ara l-punti 2.2 u 2.3 tal-Anness għal eżempji.

## 3.4. It-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri/l-għajnuna *de minimis*

L-għajnuna mill-Istat hija preżenti biss jekk din toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-appoġġ, li jkun konformi mar-Regolament *de minimis* applikabbli, ma jitqiesx li jissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għalhekk, din l-għajnuna mhijiex soġġetta għal notifika dwar l-għajnuna mill-Istat. Għall-perjodu ta' finanzjament 2014-2020, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013[34] huwa l-aktar wieħed rilevanti biex jiġi stabbilit il-livell limitu *de minimis* ta' EUR 200 000 għal kull impriża fuq perjodu ta' tliet snin. Barra minn dan il-livell limitu, iridu jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti l-oħra kollha tar-Regolament *de minimis* applikabbli.

Għalkemm taħt il-FAEŻR **l-attivitajiet agrikoli primarji** huma eżentati mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-attivitajiet li mhumiex inklużi fl-Anness appoġġati mill-istrumenti finanzjarji tal-FAEŻR iridu jikkonformaw mar-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, fil-każ ta' attivitajiet agrikoli appoġġati minn strumenti finanzjarji mhux iffinanzjati mill-FAEŻR, japplikaw ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, jiġifieri l-limitu massimu *de minimis* agrikolu (EUR 25 000 ta' għajnuna minn kull Stat Membru għal impriża individwali fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin finanzjarji), kif ukoll regoli oħra stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013[35].

**Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE**, il-pagamenti li jsiru mill-Istati Membri bħala parti mill-finanzjament ikkofinanzjat tal-FEMS, f'konformità mar-regoli tal-FEMS, bħala prinċipju mhumiex ikkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat (ara l-Artikolu 8(2) tal-FEMS). Għall-proġetti jew programmi li mhumiex relatati mas-sajd (jiġifieri kwistjonijiet tal-Politika Marittima Integrata), tapplika s-sistema tal-għajnuna mill-Istat. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007)[36] japplika għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-każijiet msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, u jistabbilixxi l-limitu massimu ta' EUR 30 000 għal kull benefiċjarju fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin (ir-Regolament *de minimis dwar is-Sajd*). Barra minn hekk, kull Stat Membru jrid jirrispetta l-ammont kumulattiv massimu stabbilit fl-anness tar-Regolament *de minimis* dwar is-Sajd (l-hekk imsejjaħ limitu massimu nazzjonali) meta jagħti għajnuna lill-impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. Apparti regoli oħra stabbiliti fir-Regolament *de minimis* dwar is-Sajd tal-Kummissjoni, l-għajnuna *de minimis* mogħtija lill-impriżi kollha fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fuq perjodu ta' tliet snin ma tistax taqbeż it-2,5 % tal-fatturat annwali mill-qbid, mill-ipproċessar u mill-akkwakultura għal kull Stat Membru.

---

[34] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

[35] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 (ĠU L 51I, 22.2.2019, p. 1).

[36] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

Ir-Regolament *de minimis* jista' jiġi applikat għal kull wieħed mill-atturi differenti involuti fl-istrumenti finanzjarji. Madankollu, ir-rekwiżiti kollha tar-Regolament iridu jiġu ssodisfati. Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-punti li ġejjin:

**Skont ir-regoli tal-Fondi SIE, jenħtieġ li l-korpi li jimplimentaw** l-istrumenti finanzjarji ma jirċevux għajnuna mill-Istat, inkluż għajnuna *de minimis*, għall-implimentazzjoni, peress li din ma tikkonformax mal-għan tal-objettivi tal-Fondi SIE għall-istrument finanzjarju, li huwa li jimmiraw ir-riżorsi lejn ir-riċevituri finali[37]. Għalhekk, anki jekk jista' jkun possibbli għall-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji li jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-appoġġ lil dawn il-korpi mill-Fondi SIE normalment ma jkunx konformi mar-regoli tal-Fondi SIE.

**Għar-riċevituri finali** trid tingħata attenzjoni partikolari jekk ir-riċevitur finali jagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji. Il-livell limitu *de minimis* japplika għal kull "impriża individwali". Għalhekk, l-għajnuna jenħtieġ li tingħata biss sal-livell limitu komuni ta' EUR 200 000 fuq il-perjodu ta' tliet snin għall-kumpaniji kollha tal-grupp li huma meqjusin bħala impriża waħda.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-fatt li l-għajnuna fil-forma ta' ekwità, ta' kważi ekwità u ta' injezzjonijiet ta' kapital, ma tistax tibbenefika mir-Regolament *de minimis* ħlief jekk il-kapital jew l-ammont totali ta' injezzjoni pubblika jaqbeż il-limitu massimu *de minimis*, jew meta ma jiġux issodisfati l-hekk imsejħa kundizzjonijiet rigward livell xieraq ta' protezzjoni tar-Regolament *de minimis*. Barra minn hekk, japplikaw il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha meħtieġa skont ir-Regolament *de minimis*, inkluż ir-rekwiżit tat-trasparenza.

## 4. L-eżenzjonijiet ta' notifika

Meta jkun hemm preżenti għajnuna mill-Istat, l-Artikolu 108(3) tat-TFUE jipprovdi li, b'mod ġenerali, l-Istat Membru kkonċernat irid jagħmel notifika dwar l-għajnuna mill-Istat. Madankollu, il-possibbiltajiet biex tiġi evitata proċedura ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat żdiedu ħafna bħala riżultat tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa[38] ("GBER 2014").

Għall-istrumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-GBER tal-2014 huma partikolarment rilevanti:

- l-Artikolu 16 tal-GBER tal-2014 (għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali).
- l-Artikolu 21 tal-GBER tal-2014 (għajnuna għall-finanzjament ta' riskju).
- l-Artikolu 22 tal-GBER tal-2014 (għajnuna għal negozji ġodda).
- l-Artikolu 39 tal-GBER tal-2014 (għajnuna għall-investiment għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika fil-bini).

Il-benefiċjarji tal-għajnuna f'livelli differenti tal-istrumenti finanzjarji jistgħu jibbenefikaw ukoll minn dispożizzjonijiet oħrajn tal-GBER tal-2014, apparti mill-ħames dispożizzjonijiet tal-GBER. B'mod partikolari, id-dispożizzjoni dwar l-għajnuna għall-

[37] Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li korp ta' implimentazzjoni jista' jirċievi appoġġ mill-Fondi SIE
Fondi għal finijiet oħrajn, pereż. għajnuna għat-taħriġ tal-ħaddiema.

[38] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

investiment reġjonali fl-Artikolu 14 tal-GBER tal-2014 tista' tapplika għal strumenti finanzjarji f'reġjuni megħjuna.

Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew gwida ulterjuri dwar l-interpretazzjoni tal-GBER tal-2014 fi "Gwida Prattika"/Dokument bil-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet[39].

Barra minn hekk, jeżistu regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija għal setturi speċifiċi, bħar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, fir-rigward tas-sajd u l-akkwakultura, jeżisti wkoll Regolament speċifiku għas-settur, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014, li huwa r-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija li japplika għas-settur, li ġie adottat fis-16 ta' Diċembru 2014 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

## 5. L-istrumenti prekostitwita

Il-Kummissjoni żviluppat termini u kundizzjonijiet standard għal ċerti tipi ta' strumenti finanzjarji. It-termini u l-kundizzjonijiet standard jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u b'hekk jiffaċilitaw l-għoti ta' appoġġ finanzjarju tal-Unjoni lir-riċevituri finali. L-użu tal-istrumenti standard disponibbli mill-Istati Membri huwa volontarju.

Sa issa, il-Kummissjoni adottat ħames "strumenti standard" differenti[40], jiġifieri:

- **Self għall-kondiviżjoni tar-riskji** bħala appoġġ għall-SMEs

  "L-istrument standard għas-self għall-kondiviżjoni tar-riskji" huwa mfassal bħala strument ħieles mill-għajnuna mill-Istat, jiġifieri remunerazzjoni għall-intermedjarju finanzjarju li tikkonforma mas-suq u t-trasferiment kollu tal-vantaġġ finanzjarju mill-intermedjarju finanzjarju lir-riċevituri finali. Il-finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali huwa kopert mir-Regolament *de minimis* applikabbli.

- **Garanzija ta' portafoll b'limitu massimu**

  Il-garanzija tal-portafoll b'limitu massimu tipprovdi kopertura għar-riskju ta' self produttiv ġdid lil SMEs, imfassla bħala strument ħieles mill-għajnuna mill-Istat, jiġifieri konformi mas-suq fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji li jiġġestixxu l-fond ta' garanzija u ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jibnu l-portafolli ta' self ġdid. L-għajnuna lir-riċevituri finali hija koperta mir-Regolament *de minimis* applikabbli.

- **Self għar-rinovazzjoni, għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġiji rinnovabbli f'binjiet residenzjali**

  Dan huwa mfassal bħala strument ħieles mill-għajnuna mill-Istat, jiġifieri remunerazzjoni għall-intermedjarju finanzjarju li tikkonforma mas-suq, it-trasferiment kollu tal-vantaġġ finanzjarju mill-intermedjarju finanzjarju lir-riċevituri finali. Il-finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali huwa kopert mir-Regolament *de minimis* applikabbli.

---

39 http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/block.html

40 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 964/2014 tal-11 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' termini u kundizzjonijiet standard għal strumenti finanzjarji (ĠU L 271, 12.9.2014, p. 16).

- **Fond għall-iżvilupp urban**

  Il-Fond għall-Iżvilupp Urban jieħu l-forma ta' fond ta' self għall-proġetti tal-iżvilupp urban f'żoni megħjuna, u huwa mfassal bħala strument eżentat min-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 16 tal-GBER tal-2014.

- **Faċilità għall-koinvestiment tal-ekwità**

  Il-faċilità għall-koinvestiment tieħu l-forma ta' fond tal-ekwità għall-SMEs. Hija mfassla bħala strument eżentat min-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 21 tal-GBER tal-2014.

Gwida addizzjonali dwar l-istrumenti standard tista' tinstab fil-link li ġejja:

https://www.fi-compass.eu/publication/event-material/presentation-financial-instruments-under-esif-standard-terms-and

## 6. Każijiet meta huma meħtieġa notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat

Jekk strument finanzjarju jinvolvi l-għoti ta' għajnuna mill-Istat li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjoni minn notifika, l-Istat Membru kkonċernat irid jagħmel notifika dwar l-għajnuna mill-Istat. Ma tista' tingħata l-ebda għajnuna qabel ma l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li tapprova l-għajnuna mill-Istat.

L-awtoritajiet nazzjonali li jkunu qed jitolbu parir dwar notifiki ta' għajnuna mill-Istat jistgħu jikkuntattjaw lill-punt ta' kuntatt nazzjonali ewlieni tagħhom għall-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni (DĠ Kompetizzjoni) joffri gwida lill-Istati Membri għat-tħejjija ta' notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat. Aktar informazzjoni tista' tinstab ukoll fuq is-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni[41].

[41] http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

# ANNESS

**Spjegazzjonijiet u eżempji prattiċi dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej**

## 1. Introduzzjoni

Meta jiġu kkunsidrati l-mistoqsijiet imqajma minn diversi partijiet ikkonċernati wara l-pubblikazzjoni tal-SWD oriġinali[42] li jipprovdi gwida[43] dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-iSF iffinanzjati mill-Fondi SIE, dan l-Anness **jikkomplementa** dak l-SWD. L-Anness jipprovdi gwida prattika **addizzjonali**, b'mod partikolari dwar il-ħafna sitwazzjonijiet li **ma jqajmux** tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat u dwar il-fatt li l-għajnuna mill-Istat tista' tkun preżenti f'livelli differenti. Il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-livell tar-riċevitur finali biss, fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, mhijiex biżżejjed (ara l-Illustrazzjoni 1).

*Illustrazzjoni 1: L-għajnuna mill-Istat tista' tkun involuta f'livelli differenti*




*Sors: L-istrumenti finanzjarji tal-Fond Soċjali Ewropew u l-għajnuna mill-Istat, dokument ta' fi-compass*

Fl-ewwel taqsima tiegħu, l-Anness jenfasizza s-sitwazzjonijiet tipiċi meta l-iSF ma jkunux jinvolvu għajnuna mill-Istat u ma jkunux soġġetti għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari meta jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq f'kull livell tal-iSF.

Għall-iSF li mhumiex konformi mas-suq, id-dokument jipprovdi gwida ġenerali dwar sitwazzjonijiet fejn l-għajnuna mill-Istat xorta tista' tiġi eskluża kemm fil-livell tal-korpi

[42] Ara SWD(2017) 156 final - Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) - Strumenti finanzjarji fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/regional_policy/mt/information/publications/guidelines/2017/guidance-on-state-aid-in-european-structural-and-investment-esi-funds-financial-instruments-in-the-2014-2020-programming-period

[43] Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

li jimplimentaw l-iSF[44] (it-trasferiment kollu tal-għajnuna lir-riċevituri finali) kif ukoll fil-livell tar-riċevitur finali (attivitajiet mhux ekonomiċi, l-ebda effett fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni u l-għajnuna *de minimis*). Għall-iSF li jinvolvu l-għajnuna mill-Istat, id-dokument jipprovdi gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żgurat li l-għajnuna tkun kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat u b'hekk mas-suq intern.

It-tieni taqsima ta' dan l-Anness tipprovdi tliet eżempji speċifiċi ta' tipi differenti ta' SF biex juru l-applikazzjoni tal-loġika tal-valutazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-iSF konkreti.

## 2. Sitwazzjonijiet tipiċi meta l-iSF ma jinvolvux għajnuna mill-Istat

Il-prinċipji fundamentali li jikkostitwixxu l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huma spjegati fid-dettall fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat[45]. L-SWD jipprovdi kjarifika speċifika ulterjuri fir-rigward tal-kwalifika tal-għajnuna mill-Istat tat-tranżazzjonijiet fil-kuntest tal-iSF. Fejn ikun hemm dubju, l-Istati Membri jistgħu wkoll jikkuntattjaw lill-Kummissjoni għal diskussjoni qabel in-notifika[46] bil-għan li jinnotifikaw l-iSF għaċ-ċertezza legali.

Kif indikat fl-SWD, kull tip ta' tranżazzjoni involuta f'SF trid tiġi vvalutata fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-iSF (maniġer ta' Fond ta' Fondi u/jew intermedjarju finanzjarju), fil-livell tal-koinvestituri u fil-livell tar-riċevituri finali, biex jiġi vverifikat jekk tissodisfax il-kriterji kumulattivi għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat. Prattikament, jekk ma jiġix issodisfat wieħed mill-kriterji kumulattivi[47], ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat. Fil-kuntest tal-iSF, f'ħafna każijiet l-aktar kriterju rilevanti huwa relatat mal-kwistjoni ta' jekk jingħatax vantaġġ ekonomiku, li jkun eskluż meta t-tranżazzjoni inkwistjoni titwettaq f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq.

### 2.1. Korp li jimplimenta SF (intermedjarju finanzjarju/maniġer ta' fond) mingħajr ma jagħmel koinvestiment fl-iSF

Jista' jkun li l-intermedjarju finanzjarju ma jagħmilx koinvestiment jew ma jpoġġix riżorsi tal-karta tal-bilanċ proprja f'riskju.–Ma hemm l-ebda għajnuna mill-Istat għall-korp li jimplimenta l-iSF (permezz ta' remunerazzjoni għas-servizzi ta' ġestjoni) fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

---

44 F'dan l-Anness, it-terminu "intermedjarji finanzjarji" jista' jintuża biex jirreferi għall-korpi li jimplimentaw l-iSF.

45 Ara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1), disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016XC0719(05)&from=MT

46 Kif stabbilit fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi tal-Aħjar Prattiki għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2018.253.01.0014.01.MLT&toc=OJ:C:2018:253:TOC

47 L-għajnuna mill-Istat hija kunċett oġġettiv u legali ddefinit direttament mit-Trattat. Fi ftit kliem, l-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE hija preżenti biss meta jiġu ssodisfati l-kriterji kommutattivi li ġejjin: l-involviment ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà tal-miżura għall-Istat, il-kwalifika tal-benefiċjarju bħala impriża (jiġifieri t-twettiq ta' attività ekonomika), l-għoti ta' vantaġġ selettiv, u l-effett tiegħu fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Meta l-implimentazzjoni tal-iSF tiġi fdata lil istituzzjoni promozzjonali nazzjonali[48] bħal banek nazzjonali tal-iżvilupp li jaġixxu esklussivament fi ħdan il-mandat pubbliku[49] jew lill-BEI u lill-FEI jew lil istituzzjoni finanzjarja internazzjonali (IFI) bħall-BERŻ, mingħajr koinvestiment jew għoti ta' finanzjament minn dak il-korp, dan l-intermedjarju finanzjarju ma jiġix ikkunsirat li huwa benefiċjarju dirett tal-għajnuna. Dan huwa irrispettivament minn jekk l-intermedjarju finanzjarju jitħallasx jew le għas-servizzi ta' ġestjoni tiegħu, filwaqt li jrid jiġi evitat kumpens żejjed. Madankollu, jekk dawn l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jaġixxu wkoll barra mill-mandat pubbliku u jwettqu attivitajiet kummerċjali fis-suq, sabiex tiġi eskluża l-għajnuna mill-Istat, dawn iridu jiżguraw li r-remunerazzjoni għas-servizzi ta' ġestjoni ma jkollhiex riperkussjonijiet fuq l-attivitajiet kummerċjali tagħhom (ara l-punt hawn taħt).

Meta l-implimentazzjoni ta' SF tiġi ddelegata lil intermedjarju finanzjarju msemmi fl-Artikolu 38(4)(c) tar-RDK, ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat jekk l-intermedjarju finanzjarju jirċievi remunerazzjoni konformi mas-suq. Ir-remunerazzjoni konformi mas-suq tista' tiġi stabbilita bi tliet modi diretti:

- L-intermedjarju jkun intgħażel permezz ta' proċedura kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u mhux kondizzjonali (eż. proċedura tal-għażla konformi mad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku[50]). F'każ bħal dan, ir-remunerazzjoni tiegħu tkun preżunta li hija konformi mar-rati tas-suq;

  jew

- L-intermedjarju jirċievi remunerazzjoni fil-livell tas-suq, stabbilita jew abbażi tat-tranżazzjonijiet komparabbli mwettqa minn operaturi privati komparabbli f'sitwazzjonijiet komparabbli jew bl-użu ta' metodi oħra (eż. kopertura tal-kostijiet flimkien ma' profitt raġonevoli[51]);

  jew

- L-intermedjarju jirċievi remunerazzjoni allinjata mar-RDK u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (CDR) (UE) Nru 480/2014[52] li tirrifletti r-remunerazzjoni tas-suq f'sitwazzjonijiet komparabbli.

---

48 Dawn huma entitajiet legali li jwettqu attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li jingħataw mandat minn Stat Membru jew minn entità ta' Stat Membru fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali, biex iwettqu attivitajiet ta' żvilupp, jew ta' promozzjoni.

49 Il-mandat pubbliku tal-bank tal-iżvilupp jiddefinixxi f'liema qasam jista' jopera. Id-definizzjoni tal-mandat pubbliku hija bbażata fuq l-identifikazzjoni tal-fallimenti tas-suq.

50 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 94, 28.3.2014); Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 94, 28.3.2014).

51 Profitt raġonevoli għandu jiġi ddeterminat fir-rigward tal-profitt tipiku għas-settur ikkonċernat.

52 Ir-remunerazzjoni għall-intermedjarju finanzjarju hija allinjata mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014 u ma jingħata l-ebda vantaġġ ieħor mill-Istat. Ara r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32014R0480.

*Illustrazzjoni 2: Arblu tad-deċiżjonijiet biex tiġi vvalutata l-għajnuna mill-Istat (permezz tar-remunerazzjoni għal servizzi ta' ġestjoni) lil korp (intermedjarju finanzjarju) li jimplimenta l-iSF* (Sors: is-Servizzi tal-Kummissjoni)



### 2.2.2 Korpi li jimplimentaw l-iSF li jinvestu fir-riżorsi tal-karta tal-bilanċ proprja tal-iSF[53] f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq

Fil-kuntest tal-iSF iffinanzjati mill-Fondi SIE, l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jistgħu jagħmlu koinvestiment u/jew jikkondividu r-riskji ma' korpi li jimplimentaw l-iSF (intermedjarji finanzjarji/maniġers ta' fondi) sabiex jipprovdu inċentivi u jinkoraġġixxu l-provvista ta' finanzjament addizzjonali lir-riċevituri finali. F'sitwazzjoni bħal din, l-intermedjarji finanzjarji jpoġġu r-riżorsi tal-karta tal-bilanċ proprja tagħhom f'riskju.

Bħala prinċipju ġenerali, jekk il-koinvestiment jew il-kondiviżjoni tar-riskji (eż. fil-kuntest ta' fond ta' garanzija) mal-intermedjarju finanzjarju taħt l-iSF tkun konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat u anki dan il-finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali jkun konformi mas-suq. Bl-istess mod, ma jkun hemm l-ebda vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, u għalhekk l-ebda għajnuna mill-Istat, jekk l-intermedjarju finanzjarju jirċievi redditu aktar baxx b'mod globali milli kien jirċievi kieku kien investa r-riżorsi proprji tiegħu fi strument ta' riskju simili barra mill-iSF.

Skont it-tip ta' SF, japplikaw kunsiderazzjonijiet differenti meta jiġi vvalutat jekk l-iSF huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq.

Kif elaborat ukoll fl-Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat u kif spjegat ulterjorament f'dan l-SWD, il-konformità mas-suq tista' tiġi stabbilita b'mod dirett (fuq bażi "pari passu" jew bl-użu ta' proċedura kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u mhux kundizzjonali) jew ivvalutata abbażi ta' valutazzjoni komparattiva jew metodi oħra (ara aktar it-Taqsimiet 2.2.1. u 2.2.2.).

Madankollu, peress li l-għan tal-istrumenti finanzjarji huwa li jisfruttaw finanzjament addizzjonali biex jappoġġaw l-investimenti fil-mira, SF konformi mas-suq jista' ma jkunx xieraq biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u biex jinkisbu ċerti objettivi politiċi.

Fejn SF jkun fih vantaġġ, jekk il-vantaġġ jiġi ttrasferit kollu lir-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji ma jkunux riċevituri tal-għajnuna mill-Istat (peress li ma jirċievu l-ebda vantaġġ huma stess).

Peress li t-trasferiment kollu jeħtieġ il-kwantifikazzjoni tal-għajnuna li tinsab fl-iSF u li mbagħad tiġi mgħoddija lir-riċevituri finali permezz ta' termini ta' finanzjament sottokummerċjali (bħal rata tal-imgħax taħt ir-rata tas-suq), skont id-definizzjoni dan jista' jsir biss għal SF li jkun fih għajnuna trasparenti[54]. Din il-kwantifikazzjoni hija possibbli għal kwalunkwe strument ta' dejn, kif ukoll għal garanziji jew self bil-quddiem li jitħallas lura, li għalihom teżisti metodoloġija[55], notifikata preċedentement u approvata mill-Kummissjoni.

---

[53] L-intermedjarji finanzjarji jistgħu jinvestu r-riżorsi tal-karta tal-bilanċ proprja (eż. banek) jew investituri terzi, li mhumiex involuti fl-implimentazzjoni tal-iSF, jistgħu jinvestu riżorsi (eż. investiment f'fondi ta' ekwità).

[54] L-għajnuna tkun trasparenti meta tingħata fil-forma ta' self u garanziji li għalihom l-element ta' għajnuna li jinsab fl-istrument ikun jista' jiġi kkalkulat b'mod preċiż *ex ante* mingħajr ma jkun hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tar-riskju.

[55] Eżempju ta' metodoloġija ta' kalkolu approvata huwa SA.37256 Il-Ġermanja - Emendi għall-metodi ta' kalkolu tal-element ta' għajnuna tal-garanziji (Nru 197/2007, emendat b'Nru 541/2007 u b'Nru 762/2007).

### 2.2.1. *Strumenti ta' ekwità/kważi ekwità konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq*

Strument ta' ekwità/kważi ekwità jiġi kkunsidrat bħala konformi mas-suq u ma jkunx hemm għajnuna fil-livell tal-koinvestituri u fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji fiż-żewġ xenarji li ġejjin:

- Meta l-investiment ta' ekwità/kważi ekwità jitwettaq fuq bażi *pari passu* bejn l-Istat u l-investituri privati, filwaqt li jiġu rrispettati l-kriterji stabbiliti fil-premessa 86-87 tal-Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat[56], l-investiment pubbliku ta' ekwità/kważi ekwità huwa preżunt li jkun konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Kif imsemmi wkoll fit-Taqsima 3.3(a) ta' din il-gwida, iridu jitqiesu l-kundizzjonijiet ewlenin li ġejjin sabiex investiment jitwettaq fuq bażi *pari passu*:
    - L-intervent tal-korpi pubbliċi u tal-investituri privati isir fl-istess żmien.
    - Il-korpi pubbliċi u l-investituri privati għandhom l-istess termini u kundizzjonijiet (jiġifieri r-riskju u r-remunerazzjoni jenħtieġ li jkunu l-istess).
    - Il-pożizzjoni tal-bidu tal-korpi pubbliċi u tal-investituri privati hija l-istess.
    - Il-finanzjament tal-investituri privati huwa ekonomikament sinifikanti. Skont il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju (RFG), minimu ta' 30 % investiment privat huwa kkunsidrat bħala ekonomikament sinifikanti[57].
    - L-investituri privati huma operaturi ekonomiċi privati li jaġixxu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.
- Fin-nuqqas ta' koinvestituri privati (jiġifieri fondi pubbliċi biss) jew jekk is-sehem tal-koinvestiment privat ma jkunx sinifikanti (jiġifieri < 30 %), il-konformità mas-suq tal-istrument ta' ekwità/kważi ekwità tista' tiġi stabbilita abbażi ta' valutazzjoni komparattiva jew abbażi ta' metodi oħrajn ta' valutazzjoni kif iċċarat fil-premessi 98-105 tal-Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat. Prattikament, pjan ta' direzzjoni tan-negozju affidabbli jenħtieġ li juri li r-redditu mistenni fuq l-investiment pubbliku huwa komparabbli ma' jew taħt ir-redditi tas-suq mistennija normali.

### 2.2.2. *Strumenti ta' dejn konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq*

**Għal strumenti ta' self** - fejn l-Istat jipprovdi Fondi SIE u riżorsi pubbliċi nazzjonali lill-intermedjarju finanzjarju li għandu l-għan li jikkofinanzja portafoll ta' self lir-riċevituri fil-mira:

- is-self jista' jiġi kkunsidrat bħala konformi mas-suq u ma hemmx għajnuna mill-Istat għall-intermedjarji finanzjarji tal-kofinanzjament
    - jekk il-Fondi SIE u r-riżorsi pubbliċi nazzjonali jkunu *pari passu* mal-investituri privati;

      jew,

---

[56] Ara t-Taqsima 4.2.3.1(i), il-punti 86-88, Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat, kif imsemmi fin-noti 3 u 26 f'qiegħ il-paġna.

[57] Il-Punt 34 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament (ĠU C 19, 22.1.2014, p. 4), disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernization/risk_finance_guidelines_en.pdf

- o jekk ir-rati tal-imgħax applikabbli jkunu konformi mal-indikaturi tas-suq ipprovduti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta' Referenza ("RRC")[58].

**Għal strumenti ta' garanzija** - fejn l-Istat jipprovdi garanzija (jew kontrogaranzija) lill-intermedjarju finanzjarju biex ikopri parzjalment ir-riskju tal-portafoll tas-self sottostanti, tista' tiġi kkunsidrata bħala konformi mas-suq u ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat għall-intermedjarji finanzjarji jekk il-garanzija tingħata f'konformità mal-Avviż dwar il-Garanzija (GN-Guarantee Notice)[59]:

- Il-GN tiddeskrivi liema kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati biex tiġi eskluża l-preżenza tal-għajnuna mill-Istat kemm għall-garanziji individwali kif ukoll għal skemi ta' garanzija. Dan huwa l-każ meta l-intermedjarju jżomm mill-inqas 20 % tar-riskju fuq bażi *pari passu* f'kull tranżazzjoni u jħallas prezz orjentat lejn is-suq għall-garanzija li jirrifletti kemm il-karatteristiċi tal-garanzija kif ukoll tas-self sottostanti.
- Fil-każ ta' garanziji għall-SMEs, il-GN tipprovdi primjums ta' livell xieraq ta' protezzjoni bbażati fuq il-klassifikazzjoni tal-mutwatarju, meqjusa bħala indikaturi minimi tas-suq.
- Għall-iskemi ta' garanzija, il-primjums mitluba jridu jkopru r-riskji normali assoċjati mal-għoti tal-garanzija, il-kostijiet amministrattivi tal-iskema, u remunerazzjoni annwali ta' kapital adegwat[60], anki jekk dan tal-aħħar ma jkunx kostitut għalkollox jew parzjalment biss.
- Il-primjums ta' garanzija fil-livell tas-suq huma konformi mal-metodoloġiji diġà approvati mill-Kummissjoni wara n-notifika tagħhom, diment li l-metodoloġija approvata tindirizza b'mod espliċitu t-tip ta' garanziji u t-tip ta' tranżazzjonijiet sottostanti inkwistjoni.

### 2.2.3. *Strumenti ta' dejn mhux konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, iżda fejn il-vantaġġ finanzjarju jiġi ttrasferit kollu lir-riċevituri finali*

Anki meta SF ma jkunx konformi mas-suq, l-intermedjarji finanzjarji ma jiġux ikkunsidrati bħala riċevituri tal-għajnuna mill-Istat jekk l-għajnuna tiġi ttrasferita kollha lir-riċevituri finali. Skont id-definizzjoni, dan huwa possibbli biss għal SF li jkun fih għajnuna trasparenti (self u garanziji) li għaliha l-element ta' għajnuna li jinsab fl-istrument jista' jiġi kkalkolat b'mod preċiż. Sabiex jiġi żgurat it-trasferiment kollu, il-vantaġġ finanzjarju pprovdut lir-riċevituri finali jrid jitnaqqas kif xieraq (għal gwida aktar dettaljata, ara l-kaxxa ta' hawn taħt).

---

58 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6), disponibbli fuq:

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52008XC0119(01)&from=GA.

Kun af li l-RRC tipprovdi biss indikaturi tas-suq f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunx faċli li jiġu identifikati tranżazzjonijiet tas-suq komparabbli. Dan huwa aktar probabbli li japplika għal tranżazzjonijiet li jinvolvu ammonti u/jew tranżazzjonijiet limitati li jinvolvu l-SMEs.

59 Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10) u r-Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 244, 25.9.2008, p. 32).

60 It-Taqsima 3.4 tal-GN toffri aktar gwida dwar il-kapital adegwat.

*Illustrazzjoni 3: Gwida ġenerali dwar mekkaniżmu għat-trasferiment kollu tal-għajnuna lir-riċevituri finali*

**Pass 1**

- ***Kwantifikazzjoni tal-għajnuna pprovduta lill-intermedjarju finanzjarju*:** bħala prinċipju ġenerali, l-għajnuna tikkorrispondi għad-differenza bejn il-prezz mitlub mill-intermedjarju finanzjarju (li jista' jkun żero) u l-prezz tas-suq għal dan l-istrument. Il-prezz tas-suq jista' jkun indikaturi tas-suq stabbiliti fil-komunikazzjoni dwar ir-RR għas-self, fil-GN jew f'indikaturi u metodoloġiji approvati mill-Kummissjoni għall-garanziji. Fil-każ ta' ekwità, l-ammont nominali kollu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna. Il-gwida disponibbli tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat ma jkoprux il-firxa sħiħa ta' strutturi ta' finanzjament użati fl-iSF. Fil-każ ta' strutturi ta' garanzija u ta' self aktar kumplessi (eż. garanzija tal-porzjon tal-ewwel telf kontra garanzija li tkopri t-telf kollu) li jinvolvu **kemm** riżorsi tal-Istat **kif ukoll** dawk mhux tal-Istat, mhux dejjem ikun faċli li jiġi ddeterminat liema parti tal-vantaġġ tista' tkun derivata mir-riżorsi tal-Istat. L-użu tal-vantaġġ kollu inkluż fil-garanzija (vantaġġ li jirriżulta mill-finanzjament kemm tar-riżorsi tal-Istat kif ukoll tar-riżorsi mhux tal-Istat) bħala indikatur għall-ekwivalenti ta' għotja grossa (GGE) ikun approċċ prudenti mill-perspettiva tal-għajnuna mill-Istat peress li x'aktarx dan jistma żżejjed il-vantaġġ attribwibbli għar-riżorsi tal-Istat. L-Istat Membru għandu wkoll il-possibbiltà li jinnotifika metodoloġija ta' kalkolu xierqa.

**Pass 2**

- ***Għajnuna kwantifikata pprovduta mill-intermedjarju finanzjarju lir-riċevituri finali*:** sabiex jiġi żgurat it-trasferiment kollu tal-vantaġġ finanzjarju, irid li jkun hemm tnaqqis korrispondenti fl-ipprezzar tas-self ipprovdut lir-riċevituri finali. F'każ ta' self ipprovdut b'rata tal-imgħax imnaqqsa lil mutwatarju, il-GGE huwa d-differenza bejn ir-rata imposta u r-rata tal-imgħax tas-suq. F'dik is-sitwazzjoni, l-indikaturi fl-RRC normalment ikunu jistgħu jintużaw bħala punt ta' referenza.

**Pass 3**

- ***Iż-żewġ partijiet iridu jkunu ndaqs biex jintwera li l-għajnuna ġiet ittrasferita kollha:*** Il-GGE tal-għajnuna li tinsab f'self ipprovdut lir-riċevituri finali (f'Pass 2) jenħtieġ li jkun l-istess jew ogħla mill-GGE tal-għajnuna li tinsab fi strument finanzjarju pprovdut lill-intermedjarju finanzjarju (f'Pass 1) biex jintwera li l-għajnuna ġiet ittrasferita kollha lir-riċevitur finali u ma fadal l-ebda għajnuna fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju.

*Illustrazzjoni 4: Arblu tad-deċiżjonijiet biex tiġi vvalutata l-għajnuna mill-Istat għal intermedjarju finanzjarju li jagħmel koinvestiment*




*Sors: Is-Servizzi tal-Kummissjoni*[61]

---

[61] L-Illustrazzjoni 3 tkopri l-għajnuna mill-Istat għal intermedjarju li jagħmel koinvestiment. Investiment *pari passu* (kif definit fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat) bejn ir-riżorsi privati u r-riżorsi tal-Istat jagħmel il-kontribuzzjoni tal-Istat konformi mas-suq. Madankollu, il-koinvestitur privat u l-Istat jistgħu jinvestu fuq bażi ta' "l-istess riskji, l-istess benefiċċji" mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet *pari passu* l-oħrajn (eż. il-kriterji ta'

### 2.3. Finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali

#### a. Finanzjament konformi mas-suq

Il-finanzjament ipprovdut mill-intermedjarji finanzjarji lir-riċevituri finali jiġi kkunsidrat bħala konformi mas-suq u, għalhekk, ma jinvolvix għajnuna mill-Istat:

- Jekk l-iSF jitqies bħala konformi mas-suq b'mod upstream, ikun awtomatikament konformi mas-suq fil-livell tar-riċevitur finali. Ma hemm l-ebda ħtieġa li tiġi vvalutata separatament l-għajnuna mill-Istat fil-livell tar-riċevitur finali.
- Jekk l-iSF ma jkunx konformi mas-suq b'mod upstream, trid tintwera l-konformità mas-suq tal-finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali (eż. abbażi tal-GN jew tal-RRC).
- Jekk ikun hemm fondi pubbliċi oħrajn downstream, jiġifieri l-finanzjament jiġi pprovdut biss fil-livell tar-riċevitur finali b'mod dirett, il-konformità mas-suq ta' dawk il-fondi trid tiġi vvalutata separatament.

*Illustrazzjoni 5: Arblu tad-deċiżjonijiet biex tiġi vvalutata l-konformità mas-suq fil-livell tar-riċevitur finali*




*Sors: Is-Servizzi tal-Kummissjoni*

kontribuzzjoni sinifikanti). Dan l-investiment ta' "l-istess riskji, l-istess benefiċċji" ma jagħmilx il-kontribuzzjoni tal-Istat konformi mas-suq iżda huwa biżżejjed biex jeskludi l-għajnuna lill-koinvestitur privat li jinvesti fl-istess livell.

**b. Finanzjament mhux konformi mas-suq, iżda li ma jinvolvix għajnuna mill-Istat fil-livell tar-riċevitur finali**

Meta l-iSF ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq u jkun hemm vantaġġ fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, il-vantaġġ jiġi kkunsidrat li ġie ttrasferit mill-inqas parzjalment jew kompletament lir-riċevituri finali fil-forma ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar. Dan il-finanzjament sottokummerċjali ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lir-riċevituri finali jekk:

- Ma jwettqu l-ebda attività ekonomika; dan mhuwiex awtomatiku għal portafoll ta' taħlita ta' riċevituri ekonomiċi u mhux ekonomiċi; jew,
- Dawn iwettqu biss attivitajiet ekonomiċi li huma purament lokali fin-natura tagħhom biex b'hekk il-miżura ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri[62], jew
- l-għajnuna hija *de minimis*[63]:
  - għal self u garanziji - jew GGE taħt il-limitu massimu *de minimis* (kwantifikazzjoni skont dan ta' hawn fuq) jew taħt il-kundizzjonijiet *de minimis* rigward livell xieraq ta' protezzjoni għas-self u l-garanziji (mhi meħtieġa l-ebda kwantifikazzjoni tal-GGE)
  - għal ekwità – l-ammont nominali jrid jikkonforma mal-limitu massimu *de minimis*.

*Illustrazzjoni 6: Arblu tad-deċiżjonijiet biex tiġi vvalutata l-preżenza tal-għajnuna mill-Istat f'każ li jkun hemm finanzjament mhux konformi mas-suq*




*Sors: Is-Servizzi tal-Kummissjoni*

62 Il-Kawża T-728/17 Marinvest u Porting vs Il-Kummissjoni

63 Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 352, 24.12.2013).

## 3. Kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat involuta fl-iSF

### 3.1. Sitwazzjonijiet tipiċi ta' għajnuna mill-Istat involuta fl-iSF

Tipikament, ikun hemm għajnuna mill-Istat fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju (jew għal investituri terzi f'każ li l-intermedjarju jkun fond) meta l-iSF ma jkunx konformi mas-suq u l-vantaġġ finanzjarju ma jiġix ittrasferit kollu lir-riċevituri finali:

- Għal strumenti ta' ekwità/kważi ekwità: F'każ ta' kondiviżjoni asimmetrika tar-riskju/tar-redditu bejn l-investituri pubbliċi u privati fl-istess klassi ta' riskju, l-investituri privati jistgħu jiġu protetti mir-riskju (eż. il-porzjon tal-ewwel telf jittieħed mill-investitur pubbliku, redditu prijoritarju f'każ ta' insolvenza, superjorità meta mqabbel mal-investitur pubbliku) jew jibbenefikaw minn redditi aktar attraenti (eż. redditu prijoritarju fil-ħin, sehem aħjar minn dak pro rata tal-profitt) meta mqabbel mal-Istat Membru. Dan it-trattament asimmetriku jista' jkun meħtieġ minn investituri privati jekk, fin-nuqqas ta' riżorsi tal-Istati Membri, ir-redditi mistennija fuq l-investiment pubbliku ta' ekwità/kważi ekwità jkunu taħt il-livell tas-suq.
- Għall-istrumenti ta' self u ta' garanzija: F'każ li l-istrument ta' self jew garanzija ma jkunx ipprezzat fil-livell tas-suq; u, fil-każ tal-garanziji biss, l-intermedjarju finanzjarju jżomm inqas minn 20 % tar-riskju.

Taħt SF li mhuwiex konformi mas-suq, il-vantaġġ jiġi kkunsidrat bħala li mill-inqas jiġi ttrasferit parzjalment lir-riċevituri finali (fin-nuqqas ta' SF, ir-riċevituri finali ma kinux ikunu jistgħu jirċievu l-finanzjament taħt l-istess kundizzjonijiet jew inkella l-ebda finanzjament bħal dan ma kien ikun disponibbli).

### 3.2. Possibbiltajiet taħt il-GBER – ebda notifika

B'mod ġenerali, l-iSF li jinkludu l-għajnuna mill-Istat biss fil-livell tar-riċevituri finali jistgħu jiġu implimentati taħt il-GBER. Għall-maġġoranza tal-Artikoli tal-GBER, l-għajnuna trid tkun trasparenti u trid tkun preżenti biss fil-livell tar-riċevitur finali, biex b'hekk effettivament teskludi l-iSF li jinkludu l-għajnuna fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju (jiġifieri meta l-għajnuna ma tkunx tista' tiġi ttrasferita kompletament). Dan ifisser li l-iSF li mhumiex konformi mas-suq li jinvolvu intermedjarji finanzjarji jistgħu jiġu implimentati skont il-maġġoranza tal-Artikoli tal-GBER, iżda l-vantaġġ ekonomiku tal-għajnuna jrid jiġi ttrasferit kollu lir-riċevituri finali (għat-trasferiment kollu tal-vantaġġ ekonomiku tal-għajnuna, ara hawn fuq).

Madankollu, il-GBER ikopri ftit oqsma ta' politika (il-finanzjament tar-riskju, l-iżvilupp urban reġjonali, il-proġetti tal-effiċjenza enerġetika fil-bini) li taħthom SF li jinkludi għajnuna mill-Istat kemm fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju kif ukoll f'dak tar-riċevitur finali jista' jitqies kompatibbli mas-suq intern. Jekk l-iSF jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha inklużi f'dawn l-Artikoli ddedikati, ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-element ta' għajnuna jiġi kkwantifikat[64]. Iridu jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Kapitolu I tal-GBER. Il-kundizzjonijiet ewlenin ta' kull wieħed minn dawn it-tliet Artikoli huma kif ġej (dawn il-listi mhumiex eżawrjenti):

[64] Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 39 tal-GBER li għalih huwa meħtieġ it-trasferiment kollu.

### L-ARTIKOLU 16 TAL-GBER – GĦAJNUNA GĦALL-IŻVILUPP URBAN REĠJONALI

**Kundizzjonijiet orizzontali:**

- Livell limitu ta’ notifika - EUR 20 miljun għal kull proġett eliġibbli.
- Trasparenza tal-għajnuna - għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 16 jiġu ssodisfati.

**Kundizzjonijiet tal-Artikolu 16:**

- Implimentati f’żoni megħjuna u kofinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej.
- Jistgħu jieħdu l-forma ta’ ekwità, kważi ekwità, self, garanziji jew taħlita ta’ dawn.
- Il-maniġers ta’ fondi għall-iżvilupp urban u l-investituri privati indipendenti jintgħażlu permezz ta’ sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja.
- Ir-rekwiżiti minimi għall-ingranaġġ finanzjarju addizzjonali minn investituri privati (30 %).
- Il-porzjon tal-ewwel telf tal-Istat Membru jista’ jkun ta’ massimu ta’ 25 %.
- Ir-rata ta’ garanzija għandha tkun limitata għal 80 % u t-telf totali mġarrab minn Stat Membru għandu jkun limitat għal 25 % tal-portafoll garantit sottostanti.
- Intermedjarju finanzjarju ġestit fuq bażi kummerċjali. Dan jista’ jiġi preżunt meta jiġu ssodisfati għadd ta’ kundizzjonijiet, eż. il-preżenza ta’ strateġija ta’ investiment u remunerazzjoni konformi mal-prattika tas-suq.

## L-ARTIKOLU 21 TAL-GBER - GĦAJNUNA INKLUŻA F'MIŻURI TA' FINANZJAMENT TA' RISKJU

### Kundizzjonijiet orizzontali:

- Livell limitu ta' notifika - EUR 15-il miljun għal kull impriża eliġibbli.
- Trasparenza tal-għajnuna - l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tiġi kkunsidrata bħala trasparenti jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu 21.

### Kundizzjonijiet tal-Artikolu 21:

- L-SMEs eliġibbli huma SMEs mhux elenkati li ma jkunu qed joperaw fl-ebda suq jew li għaddewlhom 7 snin mill-ewwel bejgħ kummerċjali jew li jeħtieġu investiment inizjali li huwa ogħla minn 50 % tal-fatturat annwali medju biex jidħlu f'suq ta' prodotti jew suq ġeografiku ġdid.
- L-investimenti ta' segwitu huma possibbli diment li jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet.
- L-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll l-investituri jew il-maniġers ta' fondi, għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja.
- Massimu ta' EUR 15-il miljun għal kull SME. Dan jirreferi għall-investiment kollu tal-fond ta' ekwità.
- Fil-livell tal-impriżi eliġibbli, l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tieħu l-forma ta' investimenti ta' ekwità, kważi ekwità, self, garanziji, jew taħlita ta' dawn.
- Rekwiżiti minimi għall-ingranaġġ addizzjonali minn investituri privati.
- Il-porzjon tal-ewwel telf tal-Istat Membru jista' jkun sa massimu ta' 25 %.
- Intermedjarju finanzjarju ġestit fuq bażi kummerċjali. Dan jista' jiġi preżunt meta jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet, eż. il-preżenza ta' strateġija ta' investiment u l-allinjament tal-interessi mal-investitur pubbliku.
- L-intermedjarju finanzjarju għandu juri li jħaddem mekkaniżmu li jiżgura li l-vantaġġi kollha jiġu ttrasferiti kemm jista' jkun possibbli lir-riċevituri finali.

## L-ARTIKOLU 39 TAL-GBER – GĦAJNUNA GĦAL PROĠETTI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA FIL-BINI

**Kundizzjonijiet orizzontali:**

- Livell limitu ta' notifika - EUR 10 miljun għal kull proġett eliġibbli.
- Trasparenza tal-għajnuna - għajnuna għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 39.

**Kundizzjonijiet tal-Artikolu 39:**

- Mogħtija fil-forma ta' allokazzjoni, ekwità, garanzija jew self lil fond tal-effiċjenza enerġetika jew lil intermedjarju finanzjarju ieħor, li għandu jittrasferiha kollha lill-benefiċjarji finali li jkunu s-sidien jew il-kerrejja tal-bini.
- Ħlas lura ta' mhux inqas mill-valur nominali tas-self.
- Ir-rekwiżiti minimi għall-ingranaġġ finanzjarju addizzjonali minn investituri privati (30 %).
- L-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll l-investituri jew il-maniġers ta' fondi, għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja.
- Il-porzjon tal-ewwel telf tal-Istat Membru jista' jkun ta' massimu ta' 25 %.
- Ir-rata ta' garanzija għandha tkun limitata għal 80 % u t-telf totali mġarrab minn Stat Membru għandu jkun limitat għal 25 % tal-portafoll garantit sottostanti.
- Intermedjarju finanzjarju ġestit fuq bażi kummerċjali. Dan jista' jiġi preżunt meta jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet, eż. il-preżenza ta' strateġija ta' investiment u remunerazzjoni konformi mal-prattika tas-suq.

### 3.3. Notifika u valutazzjoni mill-Kummissjoni

L-għajnuna mill-Istat li tista' tkun preżenti fi kwalunkwe livell tal-iSF, li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER, trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni qabel ma jiġi implimentat dan l-iSF.

SF li jipprovdi finanzjament li jinkludi għajnuna mill-Istat lill-intermedjarji finanzjarji/lill-koinvestituri iżda li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-finanzjament ta' riskju tal-GBER jista' jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-RFG. L-iSF immirati lejn oqsma ta' politika oħrajn se jiġu vvalutati direttament skont it-TFUE, bl-applikazzjoni *ex analogia*, fejn xieraq, tal-prinċipji tal-RFG fir-rigward tal-għajnuna lill-intermedjarji finanzjarji/lill-koinvestituri.

Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibbilanċja l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura ta' għajnuna fl-ilħuq ta' objettiv Komunitarju mad-distorsjoni tal-kompetizzjoni li ġġib magħha.

## 4. Eżempji illustrattivi u kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-għajnuna mill-Istat skont it-tip ta' SF

Din it-taqsima fiha tliet studji ta' każijiet li juru kif l-approċċi deskritti hawn fuq jistgħu jiġu applikati fil-prattika.

### 4.1. Strument ta' ekwità għall-SMEs

Is-suġġett ta' dan l-istudju ta' każ huwa strument finanzjarju ta' ekwità għall-SMEs: Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, jiġi stabbilit u ġestit fond ta' fondi (FoF) mill-bank promozzjonali/għall-iżvilupp nazzjonali (NPB). L-FoF jinvesti f'fondi ta' kapital ta' riskju differenti u li jinvestu fl-SMEs. Se jiġi kkunsidrati żewġ xenarji: investiment *pari passu* ma' koinvestituri privati fil-fondi tal-kapital ta' riskju (VC-venture capital) u investiment mhux *pari passu*.

*Illustrazzjoni 7: illustrazzjoni tal-istrument ta' ekwità għall-SMEs*




**Hemm involuta għajnuna mill-Istat?**

**Fond ta' Fondi**

- <u>Provvista ta' finanzjament pubbliku lill-FoF.</u> L-FoF jieħu l-forma ta' kont dedikat fi ħdan il-maniġer tal-FoF u huwa sempliċiment mezz biex ir-riżorsi jiġu ttrasferiti aktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet mingħajr ma titwettaq ebda attività ekonomika.
- <u>Remunerazzjoni tal-maniġer tal-FoF</u>. Il-maniġer maħtur tal-FoF huwa NPB.
  - Jekk l-NPB jaġixxi esklussivament fi ħdan il-mandat pubbliku, dan mhux se jiġi kkunsidrat li huwa benefiċjarju tal-għajnuna.
  - Fil-każijiet l-oħrajn kollha (NPB li huwa attiv ukoll f'attivitajiet kummerċjali), il-konformità mas-suq tar-remunerazzjoni ma tistax tiġi

preżunta. F'każ bħal dan, l-Istat Membru jkun għamel valutazzjoni komparattiva u stabbilixxa r-remunerazzjoni f'konformità mal-prattika tas-suq jew f'konformità mal-Artikolu 13 tas-CDR b'riflessjoni tar-remunerazzjoni tas-suq f'sitwazzjonijiet komparabbli. Għalhekk, ir-remunerazzjoni tal-FoF hija konformi mas-suq.

**Xenarju 1 - investiment konformi mas-suq mill-FoF u ebda għajnuna mill-Istat**

**Valutazzjoni fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji/koinvestituri (fondi tal-VC)**

- Remunerazzjoni tal-maniġers ta' fondi tal-VC**.** Il-maniġers ta' fondi ntgħażlu fi proċess tal-għażla miftuħ u kompetittiv, u għalhekk it-tariffa tal-ġestjoni hija preżunta li tikkonforma mas-suq. Għalhekk, ma hemmx għajnuna mill-Istat fil-livell tal-maniġers ta' fondi tal-VC.

- Investiment ta' ekwità mill-FoF fil-fondi tal-VC. L-FoF qed jinvesti f'fondi tal-VC fuq termini *pari passu* mal-koinvestituri privati l-oħrajn u mill-inqas 30 % tal-investiment totali fil-fondi tal-VC jiġi minn koinvestituri privati. Għalhekk, l-investiment mill-FoF jiġi kkunsidrat bħala konformi mas-suq u ma hemmx għajnuna mill-Istat fil-livell tal-koinvestituri privati fil-fondi tal-VC. Investiment privat *pari passu* taħt it-30 % tal-investiment totali jkun biżżejjed biex jeskludi l-għajnuna għall-koinvestituri privati (peress li ma jgawdu minn ebda kundizzjoni aktar vantaġġuża) iżda ma jkunx biżżejjed biex l-investiment tal-FoF fil-fondi tal-VC jiġi stabbilit bħala konformi mas-suq, u għalhekk jista' jkun hemm għajnuna għall-kumpaniji li fihom isir investiment.

**Valutazzjoni fil-livell tar-riċevituri finali (SMEs)**

- Investimenti ta' ekwità mill-fondi tal-VC fl-SMEs. Peress li l-investiment mill-FoF fil-fondi tal-VC jiġi kkunsidrat bħala konformi mas-suq u ma jinvolvix għajnuna mill-Istat, ma hemm l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat fl-investimenti ta' ekwità pprovduti mill-fondi tal-VC għall-SMEs.

**Xenarju 2 - investiment sottokummerċjali mill-FoF u l-għajnuna mill-Istat**

**Valutazzjoni fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji/koinvestituri (fondi tal-VC)**

- Investiment ta' ekwità mill-FoF fil-fondi tal-VC. L-FoF jinvesti f'fondi tal-VC fuq termini sottokummerċjali, eż. f'każ ta' kondiviżjoni asimmetrika tar-riskju/redditu għall-vantaġġ tal-koinvestituri privati fil-fondi tal-VC. F'dak ix-xenarju, fejn ir-redditu mistenni jkun akbar mir-redditu mistenni mill-fondi tal-VC f'investimenti ta' riskju simili barra mill-iSF, ikun hemm għajnuna mill-Istat fil-livell tal-koinvestituri privati fil-fondi tal-VC.

**Valutazzjoni fil-livell tar-riċevituri finali (SMEs)**

- Investimenti ta' ekwità mill-fondi tal-VC fl-SMEs. Peress li l-investiment mill-FoF fil-fondi tal-VC jinvolvi l-għajnuna mill-Istat, l-għajnuna mill-Istat tiġi kkunsidrata li tiġi ttrasferita tal-anqas parzjalment lir-riċevituri finali, u għalhekk ikun hemm għajnuna mill-Istat fil-livell tal-SMEs.

**L-għajnuna mill-Istat hija kompatibbli (għax-Xenarju 2)?**

Jekk l-għajnuna mill-Istat tkun preżenti, tista' titqies kompatibbli taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. GBER: Peress li l-iSF jinkludi l-għajnuna mill-Istat fil-livell tal-koinvestituri privati, l-Artikolu 21 biss jista' jagħmel din l-għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont il-GBER. Sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 21 tal-GBER, il-kundizzjonijiet orizzontali kollha tal-GBER u dawk speċifiċi fl-Artikolu 21 iridu jiġu rispettati. Pereżempju, l-istrument jista' jkollu biss fil-mira tiegħu SMEs fi stadju bikri u jrid jattira kapital privat ta' mill-inqas 30 %.

b. RFG: Jekk l-iSF ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-GBER, dan jista' jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Imbagħad, il-Kummissjoni tivvaluta l-miżura abbażi tal-RFG.

### 4.2. Strumenti ta' garanzija tal-portafoll b'limitu massimu għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika

Sabiex jappoġġa l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, l-Istat Membru joħloq fond ta' garanzija, ġestit minn NPB.

Il-fond ta' garanzija joffri garanziji b'limiti massimi lill-intermedjarji finanzjarji fuq portafoll ta' self ġdid għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika mill-kumpaniji, b'rata ta' garanzija ta' 80 % fuq bażi ta' self b'self u sa massimu globali ta' 25 % tal-portafoll kollu tas-self. Il-garanzija tinħareġ mingħajr ħlas (eż. ma titħallas l-ebda tariffa ta' garanzija mill-intermedjarji finanzjarji).

Ir-riċevituri finali huma taħlita ta' persuni fiżiċi (li ma jwettqux attività ekonomika) u SMEs.

*Illustrazzjoni 8: illustrazzjoni tal-istrument ta' garanzija tal-portafoll għall-effiċjenza enerġetika*



*Illustrazzjoni 9: Illustrazzjoni grafika tal-garanzija tal-portafoll b'limitu massimu*




<u>**Hemm involuta għajnuna mill-Istat?**</u>

**Valutazzjoni fil-livell tal-korp li jimplimenta l-fond ta' garanzija (fond ta' garanzija)**

- <u>Remunerazzjoni tal-korp li jimplimenta l-fond ta' garanzija</u>. Peress li l-NPB li jiġġestixxi l-fond ta' garanzija jinħatar (mingħajr għażla kompetittiva) permezz ta' għoti dirett tal-kuntratt u jwettaq attività ekonomika, il-konformità tas-suq tar-remunerazzjoni tiegħu ma tistax tiġi preżunta. F'każ bħal dan, l-Istat Membru jrid iwettaq valutazzjoni komparattiva u jistabbilixxi r-remunerazzjoni f'konformità mal-prattika tas-suq, jew jistabbilixxi r-remunerazzjoni f'konformità mar-RDK u mar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat. Jekk dan ikun il-każ, ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat f'dan il-livell.

- <u>Kontribuzzjoni tar-riżorsi tal-Fondi SIE (provvista ta' kapital) għall-fond ta' garanzija.</u> Il-fond ta' garanzija huwa stabbilit bħala entità legali separata, kont fiduċjarju, jew blokka ta' finanzi separata u huwa sempliċiment mezz biex ir-riżorsi jiġu ttrasferiti aktar 'l isfel fil-katina tal-attivitajiet. Konsegwentement, ma jkunx riċevitur tal-għajnuna mill-Istat.

**Valutazzjoni fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji (il-banek) li jipprovdu s-self kummerċjali**

- <u>Provvista tal-garanzija tal-portafoll b'limitu massimu lill-banek li jipprovdu s-self kummerċjali</u>. Mill-inqas 20 % tar-riskju jinżamm mill-banek, li huwa konformi mal-GN. Madankollu, peress li l-garanzija hija pprovduta mingħajr ħlas, ma tistax tiġi kkunsidrata li hija konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Għalhekk, fil-prinċipju tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lill-intermedjarji finanzjarji.

- Madankollu, jekk il-banek jittrasferixxu l-għajnuna kollha lir-riċevituri finali, ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat li tibqa' fil-livell tagħhom. Sabiex jiġi stabbilit dan il-mekkaniżmu ta' trasferiment kollu, l-element ta' għajnuna fil-garanzija tal-

portafoll b'limitu massimu li jirċievi l-bank irid jiġi kkwantifikat (bħala d-differenza bejn it-tariffa ta' garanzija żero imposta mill-NPB u t-tariffa tas-suq) u t-tnaqqis korrispondenti fir-rati tas-self (bl-istess ammont ta' għajnuna li jirċievi l-bank) jiġi applikat lir-riċevituri finali. Jekk iż-żewġ elementi jikkanċellaw lil xulxin, jintwera t-trasferiment kollu tal-għajnuna lir-riċevituri finali.

- Huwa diffiċli li jiġi kkalkolat l-element ta' għajnuna li jirriżulta min-nuqqas ta' tariffa ta' garanzija peress li dan ikopri biss parti mill-għajnuna li l-banek jistgħu jirċievu. Il-GN ma jipprovdix gwida konkreta dwar l-indikaturi tas-suq għall-garanziji tal-portafoll (b'limitu massimu jew mingħajru) iżda jistipula l-prinċipju ġenerali, li huwa li l-garanzija trid tkun awtonoma f'termini ta' finanzjament u t-tariffa jenħtieġ li tirrifletti r-riskju tal-portafoll sottostanti.
- Jekk ikun hemm dubju, għal strutturi ta' SF aktar kumplessi, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw metodoloġija ta' kwantifikazzjoni li tindirizza t-tip ta' garanziji u t-tip ta' tranżazzjonijiet sottostanti inkwistjoni.

**Valutazzjoni fil-livell tar-riċevituri finali**

- L-għajnuna tiġi ttrasferita *permezz* ta' rati mnaqqsa ta' self meta mqabbla mar-rati tas-suq. Sal-punt li r-riċevituri finali huma impriżi u f'każ li l-ammont tal-għajnuna jaqbeż il-livell limitu *de minimis*, is-self ipprovdut mill-intermedjarji finanzjarji jkun fih għajnuna mill-Istat.

**L-għajnuna mill-Istat hija kompatibbli?**

- Jekk l-għajnuna tkun trasparenti u tiġi ttrasferita kollha, tista' titqies kompatibbli f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-GBER.

### 4.3. Faċilità ta' mikrokreditu għan-negozji ġodda

Il-faċilità ta' mikrokreditu tindirizza n-nuqqas ta' self fis-suq tal-mikrofinanzjament u tal-finanzjament tal-SMEs permezz ta' self lil dawn il-kumpaniji b'rati tal-imgħax imnaqqsa. Il-biċċa l-kbira tar-riċevituri finali huma negozji żgħar, li għandhom diffikultà biex jaċċessaw il-finanzjament minħabba d-daqs limitat tal-operazzjonijiet tagħhom u/jew in-nuqqas ta' storja ta' kreditu. Il-faċilità ta' mikrokreditu għandha l-għan li tappoġġa speċifikament il-ħolqien ta' negozji miż-żgħażagħ u minn persuni qiegħda. L-awtorità ta' ġestjoni tipprovdi finanzjament lil FoF, li jagħżel l-intermedjarji finanzjarji (il-banek) li mbagħad jagħżlu r-riċevituri finali. L-FoF u l-intermedjarji finanzjarji jistgħu jagħżlu li jagħmlu koinvestiment f'din il-faċilità ta' mikrokreditu.

**Hemm involuta għajnuna mill-Istat?**

**Valutazzjoni fil-livell tal-FoF**

- Il-maniġer tal-FoF huwa entità privata. Ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat ipprovduta permezz tar-remunerazzjoni tal-maniġer tal-FoF, jekk jiġi stabbilit li r-remunerazzjoni tal-maniġer hija konformi mal-prattika tas-suq (eż. jekk tkun komparabbli ma' dik debitata minn fondi privati attivi fl-istess qasam) jew jekk tkun ġiet stabbilita f'konformità mar-RDK li jirrifletti r-remunerazzjoni tas-suq f'sitwazzjonijiet komparabbli.

*Illustrazzjoni 10: illustrazzjoni tal-faċilità ta' mikrokreditu għall-SMEs*




**Valutazzjoni fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju**

- Jekk il-banek ma jagħmlux koinvestiment fuq termini *pari passu*, ir-rati tal-imgħax tal-banek iservu bħala punt ta' riferiment tas-suq li skontu tiġi kkwantifikata l-għajnuna. Inkella, ir-rata tas-suq tiġi stabbilita skont l-RRC. Sabiex jiġi kkwantifikat il-GGE, ir-rata proprja debitata għall-finanzjament mill-Fondi SIE trid titqabbel mar-rata tas-suq abbażi tal-prattika tal-banek jew tal-indikaturi tas-suq fl-RRC.
- Madankollu, anki jekk ir-rata tal-imgħax ma tkunx konformi mas-suq, ma jkunx hemmx għajnuna mill-Istat fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji diment li l-element ta' għajnuna jiġi ttrasferit kollu lir-riċevituri finali. Sabiex jiġi żgurat dan, l-għajnuna trid tiġi kkwantifikata (struttura f'porzjonijiet jew mhux f'porzjonijiet) u jenħtieġ li jintwera l-mekkaniżmu tat-trasferiment (eż. ir-rati tal-imgħax tas-self tar-riċevitur finali jenħtieġ li jitnaqqsu bl-istess ammont ta' għajnuna li jirċievi l-intermedjarju finanzjarju).

**Valutazzjoni fil-livell tar-riċevituri finali**

- Jekk ikun hemm għajnuna fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju, ikun hemm għajnuna fil-livell tar-riċevitur finali.
- Meta l-għajnuna tiġi ttrasferita, pereżempju permezz ta' rati tal-imgħax mnaqqsa meta mqabbla mar-rati tas-suq, il-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk ir-riċevitur finali ma jkunx iwettaq attività ekonomika, jew jekk l-attività tkun purament lokali u b'hekk il-miżura ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri, jew jekk l-għajnuna tkun *de minimis*. Fl-eżempju ta' hawn fuq, ir-riċevituri finali (negozji maħluqa minn żgħażagħ qiegħda) huma impriżi iżda l-mikrokreditu, li huwa inqas mir-rati tas-suq, jikkostitwixxi għajnuna *de minimis* (jew l-ammont tal-GGE jew il-mikrokreditu kollu jikkonforma mal-livell xieraq

ta' protezzjoni tal-limiti *de minimis*) u, għalhekk, dan l-appoġġ jitqies bħala li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

# Tabella ta’ Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CDR | Regolament Delegat tal-Kummissjoni |
| COSME | Kompetittività tal-Intrapriżi Żgħar u Medji |
| RDK | Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni |
| FAEŻR | Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali |
| BERŻ | Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp |
| FEIS | Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi |
| GRUPP TAL-BEI | Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment |
| FEI | Il-Fond Ewropew tal-Investiment |
| FEŻR | Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali |
| FSIE | Il-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej |
| UE | L-Unjoni Ewropea |
| SM | L-Istati Membri |
| EURATOM | Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika |

| | |
|---|---|
| SF | Strumenti Finanzjarji |
| FLP | Soċjetà Limitata Mmexxija minn Familja |
| FOF | Fond ta’ Fondi |
| FR | Ir-Regolament Finanzjarju |
| GBER | Ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa |
| GGE | Ekwivalenti ta’ Għotja Gross |
| GN | Avviż dwar il-Garanzija |
| IFL | Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali |
| MEO | Operatur tal-Ekonomija tas-Suq |
| NOA | Avviż dwar il-Kunċett Ta’ Għajnuna |
| NPB | Bank Promozzjonali/tal-Iżvilupp Nazzjonali |
| VPN | Il-Valur Preżenti Nett |
| RFG | Il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta’ Riskju |
| RRC | Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta’ |

| | |
|---|---|
| | Referenza |
| SMES | Intrapriżi Żgħar u Medji |
| SWD | Dokument ta' Ħidma tal-Persunal |
| TFUE | It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| VC | Kapital ta' Riskju |

# Tabella tal-Leġiżlazzjoni

*b'referenzi għall-paġni*

| **Titolu Sħiħ tal-Leġiżlazzjoni** | **Paġna** |
|---|---|
| Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 | p. 4 |
| Verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012) | p. 5 |
| L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016) | p. 5 |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013) | p. 6, 7 |
| Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018) | p. 6, 7 |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013) | p. 6 |
| Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014) | p. 6, 7 |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 347, 20.12.2013) | p. 9 |

| | |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2014 li tistabbilixxi t-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni fil-qafas tal-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, it-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli u l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fondi Strutturali ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għall-għajnuna maħsuba għall-persuni l-aktar fil-bżonn, għall-perjodu 2014-2020 [notifikata bid-dokument C(2014) 2082] (ĠU L 104, 8.4.2014) | p. 8 |
| Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015) | p. 9 |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 347/347, 20.12.2013) | p. 10 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014) | p. 14 |
| Għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008) emendat mir-Rettifika tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 244, 25.9.2008) | p. 13 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 352, 24.12.2013) | p. 14 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013) | p. 14 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 tal-24 ta' Lulju 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rigward l-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1860/2004 (ĠU L 193, 25.7.2007) | p. 14 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014) | p. 15 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 369, 24.12.2014) | p. 15 |

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 187, 26.6.2014) | p. 15 |
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 964/2014 tal-11 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' termini u kundizzjonijiet standard għal strumenti finanzjarji (ĠU L 271, 12.9.2014) | p. 16 |
| Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014) | p. 20 |
| Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 94, 28.3.2014) | p. 20 |
| Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE - ĠU L 94, 28.3.2014) | p. 20 |
| Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 19, 22.1.2014) | p. 12, 23 |
| Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008) | p. 13, 23 |